# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 20 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 181/10/1 FDP**

**Reuben Fenech u martu Katya Fenech Pace kemm f'isimhom personali kif ukoll għan-nom, fl-isem u fl-interess ta' binhom minuri Alec Fenech**

**vs**

**Francis Montebello, Nichola Borisof Kirof, u b'digriet tal-15 ta' Frar 2013 ġie korrett għal Nikola Borisov Kirov, Alliance Cruises Limited (C 26702), Dr James Pace bħala Kuratur Deputat tal-bastiment ossia lanċa 'San Carlos II', reġistrazzjoni 8128 u, Dr Patrick Valentino u l-PL Mario Mifsud Bonnici bħala kuraturi deputati in rappreżentanza tas-soċjetà Northernreef Insurance Co. SA.**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell inċidentali tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Ġunju, 2020 li permezz

tagħha: (i) ħelset mill-ħarsien tal-ġudizzju lill-konvenut Nikola Borisov Kirov u lill-kumpanija kjamata fil-kawża Northernreef Insurance Co. SA minħabba li sabet li l-azzjoni fil-konfront tagħha kienet preskritta; (ii) iddikjarat lill-konvenuti Francis Montebello, Alliances Cruises Limited u Dr James Pace fil-kwalità tiegħu ta' kuratur deputat tal-lanċa 'San Carlos II' bħala solidalment responsabbli tal-inċident li seħħ nhar l-4 ta' Marzu, 2008 fejn fih il-minuri Alec Fenech ġarrab diżabbiltà permanenti meta ntlaqat mill-istess bastiment; (iii) illikwidat d-danni mġarrba fl-ammont totali ta' €72,840, rappreżentanti l-ammont ta' €2,077 bħala *damnum emergens* u l-ammont ta' €70,763 bħala *lucrum cessans* u kkundannat lill-istess konvenuti solidalment sabiex iħallsu l-ammont hekk likwidat; (iv) bl-imgħax jitlaq mid-data tas-sentenza sal-ħlas effettiv; (v) bl-ispejjeż jinġarru 75% mill-konvenuti Francis Montebello, Alliances Cruises Limited u Dr James Pace fil-kwalità tiegħu ta' kuratur deputat, 25% mill-atturi u l-ispejjeż relatati mal-kumpanija kjamata fil-kawża jbatuhom l-atturi; u (vi) jirriżulta wkoll li għalkemm l-Ewwel Qorti ma semmitx b'mod speċifiku fil-parti deċiżorja tas-sentenza, hija sabet negliġenza kontributorja tan-nanna tal-minuri f'persentaġġ ta' 25%.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-25 ta' Frar, 2010, l-atturi fissru kif nhar l-4 ta' Marzu, 2008, kmieni wara nofsinhar, binhom minuri Alec Fenech, waqt li

kien qiegħed bilqiegħda fuq ċint fuq il-moll tax-xatt ta' Tigné, fi Triq ix-Xatt, Tas-Sliema, safa' vittma ta' inċident meta ntlaqat mil-lanċa tat-turisti bl-isem "San Carlos II" [numru ta' reġistrazzjoni 8128] waqt li din kienet qiegħda tirmiġġja mal-moll, li hemm bi dritt Triq Bisazza f'Tas-Sliema u dan kif jirriżulta mir-rapport tal-Ispettur tal-Pulizija Anne Marie Micallef.

3. Jgħidu li d-dgħajsa kienet misjuqa mill-kaptan tagħha l-konvenut Francis Montebello u kienet qiegħda tiġi rmiggjata bl-għajnuna tal-konvenut l-ieħor Nikola Borisov Kirov, baħri fuq l-imsemmija lanċa. Ingħad ukoll mill-atturi li l-imsemmija lanċa hija proprjetà tal-kumpanija konvenuta Alliance Cruises Limited [C26702].

4. L-atturi jixlu li dan l-inċident ġara minħabba negliġenza, imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tal-baħar min-naħa tal-konvenuti jew min minnhom u/jew minħabba ħsarat fil-lanċa "San Carlos II", li minħabba fihom l-istess lanċa ma kinitx fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u ma kinitx tajba biżżejjed biex tbaħħar (*seaworthy*).

5. L-atturi jissoktaw jgħidu li b'riżultat tal-imsemmi inċident l-istess Alec Fenech (li dakinhar tal-inċident kellu sentejn u erba' xhur) weġġa' gravi u kellu jittieħed l-Isptar Mater Dei fejn saru wkoll interventi kirurġiċi fuqu. B'konsegwenza tal-imsemmi inċident, it-tifel baqa' jsofri minn

diżabbiltà permanenti skont kif jirriżulta wkoll mir-rapport mediku, imħejji minn espert minnhom.

6. L-atturi jilmentaw li ġarrbu danni, li fost affarijiet oħra huma magħmula kemm minn spejjeż li ħallsu għall-kura ta' binhom minuri Alec Fenech, wara l-imsemmi inċident, kif ukoll fit-telf ta' qligħ attwali u futur. Isostnu li huma l-konvenuti jew min minnhom li huma responsabbli għal dawn id-danni. Għaldaqstant fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-inċident li sofra l-imsemmi minuri Alec Fenech fix-Xatt ta' Tigné, Tas-Sliema, nhar l-4 ta' Marzu 2008 kif fuq premess ġara minħabba negliġenza, imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tal-baħar min-naħa tal-intimati jew min minnhom u/jew minħabba ħsarat fil-bastiment ossia lanċa San Carlos II [numru ta' reġistrazzjoni 8128] li minħabba fihom l-istess lanċa ma kinitx fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u ma kinitx tajba biżżejjed biex tinnaviga fil-baħar (seaworthy);*
>
> *2. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom huma konsegwentement responsabbli għall-ħlas tad-danni kollha naxxenti mill-imsemmi inċident;*
>
> *3. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti, kemm dawk konsistenti f'damnum emergens kif ukoll dawk konsistenti f'lucrum cessans kif sejjer jiġi ippruvat aktar dettaljatament waqt is-smigħ tal-kawża;*
>
> *4. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti d-danni kollha hekk likwidati.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

9. Il-kumpanija konvenuta Alliance Cruises Limited u Dr James Pace bħala Kuratur Deputat għan-nom tal-lanċa "San Carlos II", ressqu tweġiba maħlufa fid-9 ta' April, 2010 u eċċepew illi:

*«1. Illi preliminarjament fl-ewwel lok l-inċident ġara minħabba negliġenza, imperizja, u traskuraġni ta' Mary Anne Pace li dak il-ħin kienet ġiet inkarigata u fdata mir-rikorrenti u suppost kienet qiegħda tieħu ħsieb il-minuri Alec Fenech ta' sentejn u erba' xhur, iżda ma kinitx qiegħda taqdi dmirijietha u għalhekk għandha tiġi kjamata fil-kawża.*

*2. Illi ukoll preliminarjament, fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju, għandha tiġi kjamata fil-kawża l-kumpannija assiguratriċi tal-lanċa 'San Carlos II' ċjoè Galea Insurance Brokers Limited tal-Furjana biex il-ġudizzju jkun 'integru'*

*3. Illi inoltre preliminarjament u mingħajr preġudizzju fit-tielet lok il-kawża kif intavolata mir-rikorrenti kontra l-intimati lanċa 'San Carlos II' u Alliance Cruises Limited hija irritwali u nulla stante li ma tikkonformax mar-rekwiżiti tal-Liġi billi jew kellha tkun 'actio in rem' jew 'actio in personam' iżda mhux it-tnejn li huma flimkien;*

*4. Illi fir-raba' lok il-lanċa 'San Carlos II' mhix proprjetà tas-soċjetà intimata Alliance Cruises Limited (C26702);*

*5. Illi fil-meritu fil-ħames lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma kien hemm l-ebda negliġenza, imperizja, traskuraġni jew / u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tal-baħar da parti tal-eċċipjenti intimati;*

*6. Illi fis-sitt lok ma kien hemm l-ebda ħsarat fil-lanċa 'San Carlos II' li minħabba fihom l-istess lanċa ma kinitx fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u ma kinitx tajba biżżejjed biex tinnaviga fil-baħar (seaworthy);*

*7. Illi fis-seba' lok ma kien hemm l-ebda tort da parti tal-intimati Francis Montebello u Nichola Borisof Kirof li m'huma bl-ebda mod responsabbli għall-inċident u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*8. Illi fit-tmien lok lanqas ma kien hemm xi tort imputabbli lis-soċjetà intimata Alliance Cruises Limited u tal-lanċa 'San Carlos II' li ukoll mhumiex responsabbli għall-inċident u ukoll it-tnejn għandhom jiġu liberati;*

*9. Illi fid-disa' lok it-talbiet attriċi fil-konfront tal-eċċipjenti intimati huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

*10. Illi kwalsiasi likwidazzjoni ta' danni kif mitlubin mir-rikorrenti ma tistax issir bl-opera ta' xi perit tekniku stante li ma saritx talba 'ad hoc' mis-soċjetà rikorrenti li jitqabbad perit minn din l-Onorabbli Qorti;*

*11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.»*

10. Il-konvenut Francis Montebello ressaq it-tweġiba maħlufa tiegħu fl-4 ta' Mejju, 2010, fejn hemm ingħad:

> *«1. Illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*
>
> *2. Illi l-inċident li seħħ nhar l-4 ta' Marzu 2008 seħħ b'mod purament aċċidentali u mingħajr l-ebda negliġenza, traskuraġni jew imperizja min-naħa tal-eċċipjenti.*
>
> *3. Illi fl-ebda ħin ma kien hemm xi nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti jew Liġijiet applikabbli mill-eċċipjenti fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu bħala kaptan tal-lanċa San Carlos II.*
>
> *4. Illi inoltre ma kien hemm l-ebda traskuraġni jew negliġenza jew kondotta ħażina minn naħa tal-eċċipjenti u fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu huwa dejjem u f'kull waqt eżerċita l-attenzjoni, kura u diliġenza kollha xierqa.*
>
> *5. Illi mingħajr preġudizzju għal dak hawn fuq espost, dak li seta' wassal għall-inċident li seħħ fl-4 ta' Marzu 2008 kien il-fatt li l-morse cable li jikkontrolla t-throttle tal-magna tal-istess lanċa kien inqata' u għalhekk seħħ l-inċident b'mod purament aċċidentali.»*

11. Wara li permezz tad-digriet tagħha tat-18 ta' Jannar, 2012, il-Qorti laqgħet it-talba tal-atturi għas-sejħa fil-kawża tal-kumpanija Northernreef Insurance Co. SA, il-kuraturi deputati maħtura sabiex jirrappreżentaw lill-kumpanija Northernreef Insurance Co. SA, Dr Patrick Valentino u l-PL Mario Mifsud Bonnici ressqu t-tweġiba maħlufa tagħhom fis-27 ta' Mejju, 2012:

> *«1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet kif diretti kontra l-eċċipjenti huma perenti a tenur ta' artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi s-soċjetajiet kjamati fil-kawża b'digriet tat-18 ta' Jannar 2012.*
>
> *2. Illi fit-tieni lok, huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawża però jirriżervaw illi jippreżentaw risposta ġuramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-każ odjern.»*

12. Il-konvenut Nikola Borisov Kirov ressaq it-tweġiba maħlufa tiegħu fit-28 ta' Mejju, 2013, fejn eċċepixxa:

> *«1. Illi l-intimat Nikola Borisov Kirov ma għandux iwieġeb għall-inċident mertu ta' din il-kawża stante li huwa ma għandu l-ebda responsabbiltà għall-inċident inkwistjoni, liema inċidenti u danni ġew ikkawżati minn u/jew seħħew b'riżultat ta' atti ta' terzi kif del resto ġa stabbiliet inkjesta maġisterjali li nżammet b'rabta ma' dan il-każ;*
>
> *2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi inkwantu diretti fil-konfront tal-esponent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement l-esponent għandu jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju;*
>
> *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma minn issa inġunti in subizzjoni.»*

13. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qatgħet il-kawża fis-16 ta' Ġunju, 2020, u ddeċidiet li:

> *«**Tillibera** mill-osservanza tal-ġudizzju lil Nichola (recte: Nikola) Borisof Kirof stante illi ma huwiex responsabbli għall-akkadut illi seħħ fl-4 ta' Marzu 2008;*
>
> ***Tillibera** mill-osservanza tal-ġudizzju lis-soċjetà kjamata in kawża Northernreef Insurance Co. SA stante illi l-azzjoni fil-konfront tagħha hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16;*
>
> ***Tiddikjara** illi l-intimati Francis Montebello, Alliance Cruises Limited u Dr James Pace bħala Kuratur Deputat tal-bastiment ossija lanċa 'San Carlos II' bin-numru ta' reġistrazzjoni 8128 bħala responsabbli in solidum bejniethom tal-inċident li sofra l-minuri Alec Fenech fix-Xatt ta' Tigné, Tas-Sliema, nhar l-4 ta' Marzu 2008 meta ntlaqat mill-bastiment ossia lanċa 'San Carlos II' misjuqa minn Francis Montebello u operata minn Alliance Cruises Limited.*
>
> ***Tillikwida** d-danni sofferti mir-rikorrenti riżultat tal-inċident fl-ammont ta' elfejn u sebgħa u sebgħin ewro (€ 2,077) għal dak illi jirrigwarda 'damnum emergens' u sebgħin elf, seba' mija u tlieta u sittin ewro (€70,763) għal dak illi jirrigwarda 'lucrum cessans', illi flimkien jagħmlu total ta' **tnejn u sebgħin elf, tmien mija u erbgħin ewro (€72,840)**.*

***Tikkundanna** lill-intimati Francis Montebello, Alliance Cruises Limited u Dr James Pace bħala Kuratur Deputat tal-bastiment ossia lanċa 'San Carlos II' bin-numru ta' reġistrazzjoni 8128 iħallsu lir-rikorrenti Reuben Fenech u martu Katya Fenech Pace kemm f'isimhom personali kif ukoll għan-nom, fl-isem u fl-interess ta' binhom minuri Alec Fenech iħallsu, in solidum bejniethom, is-somma ta' **tnejn u sebgħin elf, tmien mija u erbgħin ewro (€72,840)** in linea ta' danni kif fuq stabbiliti.*

*Imgħax għandu jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.*

*Spejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu sopportati kwantu għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) mir-rikorrenti u ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) mill-intimati Francis Montebello, Alliance Cruises Limited u Dr James Pace bħala Kuratur Deputat tal-bastiment ossia lanċa 'San Carlos II' in solidum bejniethom, għajr għall-ispejjeż tas-soċjetà kjamata in kawża Northernreef Insurance Co. SA illi għandhom jiġu sopportati esklussivament mir-rikorrenti.»*

14. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi hekk kienu:

«***Konsiderazzjonijiet inizjali***

*31. Jirriżulta illi r-rikorrenti Reuben Fenech u Katya Fenech Pace huma ġenituri ta' Alec Fenech, illi fl-4 ta' Marzu 2008, meta kellu biss sentejn u nofs, intlaqat minn lanċa tat-turisti "San Carlos II", operata mis-soċjetà intimata Alliance Cruises Limited u dak il-ħin taħt it-tmexxija, bħala kaptan, ta' Francis Montebello bl-assistenza ta' Nikolai Boriso Kirov bħala baħri.*

*32. Jirriżulta illi wara l-inċident, kien hemm Inkjesta Maġisterjali fejn il-Maġistrat Inkwirenti, fit-3 ta' Awissu 2009, wasal għall-konklużjonijiet segwenti: (fol 49)*

> *"Irriżulta mill-provi illi t-Tlieta, 4 ta' Marzu, 2008, għal ħabta tas-1.00 ta' wara nofsinhar, Alec Fenech ta' sentejn u erba' xhur, kien qiegħed fil-kumpanija ta' nanntu Mary Ann Best, u ommu s-Sinjura Katia Fenech Pace. Alec kien ma' ġenb Mary Ann Best, bil-qiegħda fuq ċinta, fuq il-moll tax-xatt Ta' Tigné, waqt illi ommu kienet ftit metri 'l bogħod fuq il-Promenade, bit-tifla l-oħra tagħha. Dak il-ħin daħlet lanċa bit-turisti, bl-isem San Carlos II, li kienet immexxija minn Francis Montebello bħala Master u Nikola Kirov, bħala baħri. Il-lanċa bdiet il-manuvri biex tirmiġġja mal-moll u tniżżel it-tliet turisti illi kellha abbord. Għalhekk il-kaptan dawwar il-lanċa ċirka 180 degrees biex il-poppa tkun lejn il-moll, u tkun tista' titniżżel il-passarella. Il-magna ġiet ingranata fuq ir-reverse biex tintrabat mal-bollards fuq il-port u starboard tal-istess lanċa. Hekk kif bdiet tersaq lejn l-art, Nikola Kirov, ġibed l-attenzjoni tas-Sinjura Mary*

*Ann Best biex tiċċaqlaq minn fejn kienet bit-tifel ħalli jkun jista' jorbot il-lanċa mal-bollards fuq il-moll. Is-Sinjura Best resqet xi distanza qasira, iżda t-tifel ma ċċaqlaqx mill-pożizzjoni fejn kien u f'dak il-ħin, Kirov tefa' l-ħbula, qabeż minn fuq il-lanċa għal fuq il-moll, u rabat wieħed mill-ħbula mal-bollards, dak tal-istarboard side.*

*F'dak il-mument il-Master Francis Montebello, ħass illi kellu xi malfunction fit-throttle. Ħareġ mill-kabina, tefa' t-tieni ħabel, ċjoè dak tal-port side u rabtu u flimkien ma' Kirov niżlu mill-passarella fuq il-moll, biex minn hemmhekk iniżżlu t-turisti illi kellhom abbord. Kien f'dak il-mument illi s-Sur Montebello osserva illi għalkemm il-lanċa kienet marbuta minn quddiem u mill-moll, bdiet tersaq lura, avolja b'mod żgħir ħafna u reġa' rritorna fil-kabina u tefa' l-magna, wara li pprova jimmanuvra l-lanċa 'l quddiem, iżda l-kontroll ma rrispondix.*

*Kien dak il-ħin illi sema' t-tifel jibki u li xi ħadd qallu li kien weġġa' t-tifel bil-passarella. Issejħet l-ambulanza u t-tifel ittieħed l-isptar, fejn irriżulta illi ġarrab ġrieħi gravi f'saqajh kompatibbli ma' crush injury. Kien hemm frattura tal-calcaneum u fratturi tal-tarsal bones, li ġew fully detached u kellhom jiġu mwaħħlin f'posthom b'operazzjoni, però fortunatament il-kundizzjoni tal-iċkejken Fenech baqgħet stabbli u l-ġrieħi ġew deskritti bħala gravi per durata. Qatt ma kien però fil-periklu li jitlef ħajtu. Sussegwentement, saret spezzjoni teknika fuq il-lanċa biex jiġi determinat il-kawża tal-malfunction tal-joystick meta tressqet 'il quddiem. Dan ġie identifikat fil-qtugħ tal-cable minn bejn il-joystick u t-throttle tal-magna.*

*Għalhekk il-Maġistrat jikkonkludi illi għalkemm jiċċensura li Mary Ann Best, li ma ċaqalqitx it-tifel meta kienet avżata minn Nikola Kirov, illi l-lanċa kienet se tavviċina l-moll, ma jidhirx illi b'daqshekk laħqu xi element ta' negliġenza jew traskuraġni sabiex tirrispondi għal xi proċeduri kriminali fil-Qorti. Lanqas ma' ssib xi negliġenza jew traskuraġni f'operazzjoni tal-Master Francis Montebello u tas-seaman Nikola Kirov. Dawn imxew b'mod professjonali, b'dan tal-aħħar, javża lil Mary Ann Best illi l-lanċa kienet ser tavviċina, l-passarella se titniżżel u kien aħjar kienu jersqu minn fejn kienu sabiex jevitaw kull periklu. Min-naħa l-oħra l-Master Francis Montebello wkoll mexa bi professjonalità u ma kienx previst li kien propju dak il-ħin illi ried iressaq il-lanċa 'il quddiem, illi nqata' l-cable tal-connection bejn il-kontroll u t-throttle tal-magna.*

*Għalhekk dan huwa inċident sfortunat li għalih ma hemm ħadd responsabbli f'għajnejn il-Liġi. Fortunatament jidher illi ċ-ċkejken Alec Fenech, fieq mill-feriti li sofra u ma kienx hemm konsegwenzi oħra."*

*33. Jirriżulta, madanakollu, illi l-konsulent ortopediku Mr Charles Grixti fid-9 ta' Novembru 2009, wara varji interventi illi saru fuq Alec Fenech, wasal għas-segwenti konklużjoni:*

*"Alec Fenech sustained a compound crush injury to his right foot with fractures to the right heel bone and to the mid-foot bones.*

*As a result of this he has complete flattening of his longitudinal arch and damage to the extensor tendons of his right foot.*

*This is affecting his walking and has resulted in a smaller right foot compared to the left This presents problems when buying shoes as one size (of the right) is 1.5cm smaller than the left as measured from toe to heel.*

*As the child grows there may be changes in the load bearing pattern of the right foot and this becomes more obvious as the foot loses its mobility with age.*

*He is likely to develop callosities in the sole of the right foot and he will need a longitudinal insole support to try and reduce the ill effects of a completely flattened longitudinal arch.*

*Indeed he may develop early onset osteo-arthritic changes in his right mid-foot in the future.*

*I rate the patient's permanent residual disability at 15% (fifteen percent).”*

*34. Jirriżulta tali konklużjoni ġiet ikkonfermata mill-Espert Mediku mqabbad minn dina l-Qorti, ossia Mr Massimo Abela, fir-rapport tiegħu datat 22 ta’ April 2014, meta huwa għamel is-segwenti osservazzjonijiet: (fol 373-378)*

*“**Eżami Mediku:***

*Alec izappap ftit fuq il-lemin meta jimxi u kapaċi jimxi mingħajr użu ta' bsaten jew krozzi.*

***L-eżami tar-riġlejn**:*

*M’hemm l-ebda diskrepanza fit-tul. Il-ġogi tal-koxox (hips) u l-irkopop normali. L-eżami newroloġiku (saħħa fil-muskoli, sensazzjoni u riflessi) huwa normali għalkollox. Il-pala tas-sieq tal-lemin hi iqsar bi 3cm (tul totali - 18cm vs 21cm). Hemm numru ta' ċikatrici f’arja ta' 8cm x 12cm, fuq il-parti ta' fuq tal-pala. Is-seba l-kbir miżmum f'pożizzjoni wieqfa [cocked-up).*

*Movimenti fl-għaksa tal-lemin: Dorsiflessjoni 0° Flessjoni normali*
*Movimenti fil-ġog subtalari: Active Eversion 0° Inversion 20°*

***Investigazzjonijiet:***

*Radiographs Right Foot and Ankle 04/03/2008: Multiple fractures involving the midfoot and the calcaneum (heel bone).*

*Radiographs Right Foot and Ankle 08/04/2014: The distal half of the navicular, the medial and intermediate cuneiforms, and the proximal third of the 1st metatarsal are missing. The navicular remnant is sclerotic. There is marked irregularity of the cuneiform-cuboid joint. The forefoot lies in adduction in relation to the hindfoot. There is no metalwork in place.*

***Opinjoni Medika:***

*Alec Fenech ġarrab grieħi ta' natura gravi meta ntlaqat fil-pala tas-sieq il-leminija minn passarella ta' lanċa fl-04/03/2008. Sofra ksur miftuħ tal-parti tan-nofs tal-pala tas-sieq (midfoot). Riżultat ta' dan tilef numru ta' għadam mill-pala tas-sieq, għandu diformità tal-pala u tas-saba' l-kbir, tilef is-saħħa fil-muskoli li jdawwru l-pala tas-sieq il-barra (evertors) u għandu pala tas-sieq iqsar minn tan-naħa l-oħra.*

*M'hemm l-ebda dubju li Alec se jkollu bżonn ta' aktar operazzjonijiet għar-raġunijiet hawn taħt imsemmija:*

*1. Biex tindirizza d-diformità li hemm bħalissa fis-sieq.*

*2. Barra minn hekk hemm probabbiltà kbira li hu u jikber id-diformità fil-pala tas-sieq tkompli tiżdied u għaldaqstant issir aktar ovvja u tagħti aktar problemi funzjonali.*

*3. Hemm probabbiltà ukoll illi minħabba l-ħsara li ġarrbu l-ġogi tal-pala tas-sieq, il-ġog subtalari u l-għaksa, titrabba artrite f'dawn il-ġogi. F'dan il-każ ikun hemm bżonn li ssir surgical fusion f'dawk il-ġogi effetwati mill-artrite.*

***Evalwazzjoni tar-Rata ta' Diżabbiltà Permanenti:***

*L-evalwazzjoni tar-rata ta' diżabbiltà permanenti hi bbażata fuq esperjenza personali u b'referenza għal numru ta' kotba fosthom:*

*• Emendi fil-Liġi dwar Danni Ċivili maħruġ mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern (2010).*
*• Guides to the Evaluation of Permanent Impairment - American Medical Association.*

*Ir-rata ta' diżabbiltà ta' Alec Fenech tammonta għal 15%."*

*35. Jirriżulta illi abbażi tar-rapport mediku ta' Mr Grixti, ir-rikorrenti ipproċedew biex bdew il-kawża odjerna.*

*....*

***Konsiderazzjonijiet legali***

*41. Jirriżulta illi l-Qorti, diversament ippreseduta, kienet qabbdet lil Dr Joseph Camilleri u l-Inġinier Nicholas Baldacchino sabiex jirrelataw dwar*

*il-każ wara illi jisimgħu x-xhieda, u fit-8 ta' Mejju 2018 huma rrelataw fid-dettal dwar id-difiżi kollha mqajma.*

*42. Jirriżulta illi fil-konsiderazzjonijiet u konstatazzjonijiet tagħhom, huma kellhom dan xi jgħidu:*

"**3.0 OSSERVAZZJONIJIET TAL-PERITI DWAR L-EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI**

*3.1 <u>Xeħta tal-azzjoni – in personam jew in rem</u>*

*3.1.1 Fit-tielet eċċezzjoni mressqa konġuntivament minn Alliance Cruises Limited C 26702 u l-avukat James Pace bħala kuratur deputat għan-nom tal-Lanċa San Carlos II, jingħad illi l-proċeduri huma irritwali u nulli stante illi ma jistax ikollok kawża illi hija fl-istess ħin in personam u in rem. Ma jidhirx illi dan il-punt qatt reġa' ġie trattat mill-partijiet, imma daqstant ieħor hija kwistjoni li jeħtieġ illi tiġi indirizzata in vista li tali eċċezzjoni ma ġietx irtirata u minn natura tagħha tista' toqtol il-kawża.*

*3.1.2 Ai termini tal-Artiklu 742B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,*

*742B. Bla ħsara ta' fejn il-liġi espressament tiddisponi xort'oħra, il-qrati ċivili f'Malta għandhom ġurisdizzjoni in rem kontra vapuri jew bastimenti fit-talbiet marittimi li ġejjin:*

*...*

*(g) kull pretensjoni għal telf ta' ħajja jew korriment tal-persuna magħmulin, kemm fuq l-art kif ukoll fil-baħar, minn vapur jew li jiġru f'konnessjoni mat-tħaddim ta' xi vapur jew li jiġu sofferti bħala konsegwenza ta' xi difett f'vapur jew fit-tagħmir jew apparat tiegħu jew bħala konsegwenza ta' xi għemil ħażin, negliġenza jew ommissjoni ta' –*

*(i) is-sidien, in-noleġġaturi jew il-persuni li jkollhom il-pussess jew il-kontroll ta' vapur; jew*

*(ii) il-kaptan jew l-ekwipaġġ ta' vapur, jew kull persuna oħra li s-sidien, in-noleġġaturi jew il-persuni li jkollhom il-pussess jew il-kontroll ta' vapur huma responsabbli għall-għemil ħażin, negliġenza jew ommissjoni ta' dik il-persuna, li jkun għemil, att ta' negliġenza jew ommissjoni fin-navigazzjoni jew immaniġġar tal-vapur, fit-tagħbija, ġarr jew ħatt ta' merkanzija, fi jew mill-vapur, jew fl-imbark, ġarr jew żbark ta' persuni fuq, fi jew mill-vapur;*

*3.1.3 Jirriżulta għalhekk illi fid-dawl tal-pretensjonjiet u t-talbiet imressqa minnhom, ir-rikorrenti kellhom kull dritt illi jmexxu in rem kontra l-bastiment San Carlos II u, del resto, l-intimati mhux qed isostnu mod ieħor. Dak li qed jingħad mill-eċċipjenti huwa pjuttost illi ladarba għażlu li jmexxu in rem, ir-rikorrenti ma setgħux fl-istess proċeduri jressqu pretensjoni in personam kontra l-intimati l-oħra. Dan però, ma jirriżultax minn qari tal-artikli relevanti tal-liġi. L-istitut tal-proċeduri in rem ġie*

*żviluppat proprju biex jaġevola lil min irid jipproċedi b'rabta ma' pretensjonijiet ta' natura marittima fejn, f'ċerti sitwazzjonijiet, ikun diffiċli illi wieħed jinnotifika u/jew jipproċedi kontra s-sidien jew operaturi tal-bastiment. Proprju għalhekk, b'mod eċċezzjonali, il-liġi tippermetti illi f'ċerti sitwazzjonijiet, il-bastiment innifsu jiġi ċitat u meqjus bħala intimat. Dan però ma jeskludix illi fl-istess proċeduri r-rikorrenti jipproċedu wkoll fil-konfront ta' persuni oħra.*

*3.1.4 Hawnhekk il-periti jirreferu għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet* **Dieter Achtelstetter v. M/V Gran Michelangelo** *li fiha l-Qorti qieset f'dettall l-elementi u l-ħsieb wara l-ġurisdizzjoni in rem u osservat fost l-oħrajn: Din il-Qorti tikkunsidra illi ma hemm xejn ħażin fil-koeżistenza, fil-kawżi numru 1084/2006 u 7/2007, ta' azzjoni in rem ma' waħda in personam għaliex il-konvenuti huma kollha persuni kapaċi li joqogħdu in ġudizzju. [enfasi miżjuda]*

*3.1.5 Fid-dawl ta' dan it-tagħlim, il-periti sejrin jirrakkomandaw illi din l-eċċezzjoni preliminari mressqa minn Alliance Cruises Limited u l-lanċa San Carlos II tiġi miċħuda.*

*3.2 <u>Nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju</u>*

*3.2.1 Fit-tieni eċċezzjoni tagħhom, Alliance Cruises Limited u l-lanċa San Carlos II stqarrew illi preliminarjament u fit-tieni lok mingħajr preġudizzju għandha tiġi kjamata in kawża l-kumpanija assikuratriċi tal-lanċa San Carlos II sabiex il-ġudizzju jkun integru.*

*3.2.2 Din l-eċċezzjoni preliminari hija ormai sorvolata u dan bis-sejħa fil-kawża tal-kumpanija assikuratriċi Northernreef Insurance SA fuq talba tar-rikorrenti.*

*3.2.3 F'kull każ, però, il-periti mhumiex tal-fehma li kien hemm il-ħtieġa li s-soċjetà assikuratriċi tissejjaħ fil-kawża. Dan għaliex ma jeżisti ebda rapport kuntrattwali bejn ir-rikorrenti u l-imsejħa fil-kawża. Semmai, din ir-relazzjoni hija biss bejn is-soċjetà assikuratriċi u l-assikurata tagħha abbażi tal-polza u tal-claim form li jidher li tressqet minn Alliance Cruises Limited lis-soċjetà assikuratriċi wara l-inċident. Dan speċjalment fid-dawl tal-fatt illi dan mhux każ ta' inċident stradali, fejn hija l-liġi stess illi toħloq relazzjoni ġuridika bejn il-vittma u s-soċjetà ta' assikurazzjoni.*

*3.2.4 Għalhekk il-periti ser jirrakkomandaw illi din l-eċċezzjoni tiġi miċħuda.*

*3.3 <u>L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-soċjetà Northernreef Insurance Co. SA</u>*

*3.3.1 Il-kuraturi deputati f'isem is-soċjetà Northernreef Insurance Co SA qajjmu eċċezzjoni ta' preskrizzjoni msejsa fuq l-Artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk: 2153. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn.*

*3.3.2 B'rabta mat-trapass taż-żmien, jidher li hemm qbil illi r-rikorrenti ma nnotifikawx lis-soċjetà assikuratriċi b'xi att ġudizzjarju qabel in-notifika tal-kuraturi maħtura wara d-digriet tas-sejħa fil-kawża tat-18 ta' Jannar, 2012. Lanqas inġabet xi prova oħra ta' sospensjoni jew interruzzjoni taż-żmien preskrittiv. Stante illi l-inċident seħħ fl-4 ta' Marzu, 2008, it-terminu ta' sentejn, jekk applikabbli f'dan il-każ, ċertament illi kien għadda.*

*3.3.3 Id-diffikultà f'dan il-każ ġejja mill-fatt illi fil-premessi li fuqhom hija msejsa l-kawża qed jiġi allegat aġir li jammonta għal reat kriminali. Il-periti għalhekk ikkunsidraw il-mistoqsija jekk il-preskrizzjoni applikabbli hijiex tassew dik taħt l-Artiklu 2153 jew inkella xi preskrizzjoni li tirriżulta minn xi artiklu ieħor, possibilment dik taħt l-Artiklu 2154. Kemm hu hekk, ġie deċiż illi fejn rikorrenti qed jallegaw aġir illi ekwivalenti għal reat kriminali, irrispettivament minn jekk ikunux ittieħdu jew le passi kriminali kontra l-intimati, għandha japplika l-Artiklu 2154 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid:*

*2154. (1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali...*

*3.3.4 Madanakollu, huwa possibbli li fl-istess kawża, il-preskrizzjoni applikabbli tista' tkun differenti għal intimati diversi skont in-natura tar-relazzjoni li għandhom mar-rikorrenti. F'dan il-każ, hija l-opinjoni tal-periti illi l-pretensjoni fil-konfront tas-soċjetà tal-assikurazzjoni ma tista' tkun qatt waħda msejsa fuq allegazzjoni ta' aġir kriminali u dan għaliex naturalment mhix qed tiġi allegata xi "negliġenza, imperizja u traskuraġni" mis-soċjetà msemmija iżda, se mai, mill-intimati l-oħra.*

*3.3.5 Kif intqal, lanqas jeżisti rapport kuntrattwali bejn ir-rikorrenti u l-imsejħa fil-kawża. Din ir-relazzjoni hija biss bejn is-soċjetà assikuratriċi u l-assikurata tagħha abbażi tal-polza u tal-claim form.*

*3.3.6 Fid-dawl ta' dan li ntqal, u wara li l-periti qiesu wkoll dak li tgħid is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Joseph Micallef nomine v. Carmelo Cassar****, jikkonkludu illi l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mqajma mis-soċjeta' Northernreef Insurance Co SA jistħoqqilha illi tintlaqa'. Dan naturalment mingħajr preġudizzju għal obbligi reċiproċi li jista' jkun hemm bejn is-soċjetà assikurattiva u l-assikurat tagħha kif fuq ingħad.*

***4.0 OSSERVAZZJONIJIET DWAR ID-DINAMIKA TAL-INĊIDENT U RESPONSABBILTÀ***

*4.1 <u>Kuntest fattwali</u>*

*4.1.1 Jidher illi hemm numru ta' fatti illi mhumiex kontestati u li dwarhom għalhekk m'hemmx diżgwid. Dawn jistgħu, fil-qosor, jinġabru kif ġej:*

*• Nhar l-4 ta' Marzu, 2008 kmieni wara nofsinhar seħħ inċident illi fih weġġa' l-minuri Alec Fenech, li huwa iben ir-rikorrenti Reuben Fenech u Katya Fenech Pace;*

*• L-inċident ġara fix-Xatt ta' Tigné, f'Tas Sliema waqt illi lanċa tat-turisti msemmija San Carlos II, kienet qed tirmiġġja mal-moll sabiex tniżżel lit-turisti. Mhux kontestat illi kienet misjuqa mill-intimat Francis Montebello bħala kaptan. L-intimat Kirov bħala parti mill-ekwipaġġ, kien qed jassisti fl-operazzjoni tal-irmiġġ;*

*• Tajjeb osservat l-eċċipjenti Alliance Cruises Limited illi, kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti, il-lanċa mhijiex proprjetà tal-istess Alliance Cruises Limited. Fil-fatt mid-dokumenti eżebiti jirriżulta illi s-sid hija soċjetà oħra, Island Ferry Three Company Limited, li mhix parti fil-kawża. Madanakollu, ma jidhirx kontestat illi l-operatriċi tal-bastiment u organizzatriċi tal-cruises li kienu jsiru biha hija Alliance Cruises Limited u daqstant ieħor jirriżulta illi Montebello u Kirov kienu impjegati tal-istess soċjetà;*

*• L-inċident seħħ meta Alec Fenech kien qiegħed bilqiegħda fuq ċint tal-moll. Ma jidhirx kontestat illi huwa weġġa' meta ntlaqat mill-passarella tas-San Carlos II waqt li din kienet qiegħda tirmiġġja. L-impatt wassal biex Alec Fenech sofra ġrieħi gravi f'saqajh;*

*• Filwaqt illi hemm qbil illi t-tifel weġġa' għaliex laqtitu d-dgħajsa (jew il-passarella tagħha), il-partijiet ressqu spjegazzjonijiet kontradittorji dwar x'seta' wassal għall-manuvra inkwistjoni u jeħtieġ illi jiġi determinat, ngħidu aħna, jekk din ġratx konsegwenza ta' xi sewqan azzardat tal-bastiment jew inkella ta' xi ħsarat fil-magna. B'mod partikolari, it-teżi tal-intimat Francis Montebello u ta' Alliance Cruises Limited u l-bastiment San Carlos II hija li, ħin bla waqt, fil-kors tal-manuvra tal-irmiġġ, inqata' dak li jissejjaħ morse cable b'dan illi l-lanċa baqgħet dieħla lura lejn l-art minkejja l-attentati tal-kaptan li jmexxi l-lanċa 'l quddiem biex jevita l-impatt. Għandu jingħad illi din hija wkoll il-konklużjoni tal-inkjesta maġisterjali li twettqet wara l-inċident;*

*• Mhux kontestat illi flimkien ma' Alec Fenech fil-mument tal-inċident kien hemm preżenti ommu (r-rikorrenti Katya Fenech Pace), nanntu (omm ommu) Mary Ann Pace née Best u oħt Alec (minuri wkoll) Riya. Hemm nuqqas ta' qbil però dwar kemm l-omm u n-nanna tat-tifel kienu tassew kienu qrib il-minuri Alec Fenech fil-mument tal-impatt u jekk huma b'xi mod setgħux jevitaw li jseħħ l-inċident;*

*4.1.2 Dwar dan l-inċident kienet saret inkjesta maġisterjali. Fl-inkjesta msemmija kien tqabbad Victor (recte: Vincent) Ciliberti bħala espert tekniku. Ma jidhirx li qatt saret xi forma ta' inkjesta oħra, ngħidu aħna xi stħarriġ mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Il-proċess verbal li kopja tiegħu ġie eżebit seduta stante quddiem il-periti sottoskritti iġib il-konklużjonijiet tal-maġistrat inkwirenti li kienu kif ġej:*

*Għalkemm il-Maġistrat jikkonkludi illi għalkemm jiċċensura li Mary Ann Best, li ma ċaqalqitx lit-tifel meta kienet avżata minn Nikola Kirov, illi l-lanċa kienet se tavviċina l-moll, ma jidhirx illi b'daqshekk laħħqu xi element ta' negliġenza jew trakuraġni sabiex tirrispondi għal xi proċeduri kriminali fil-Qorti. Lanqas ma ssib xi negliġenza jew traskuraġni f'operazzjoni tal-Master Francis Montebello u tas-seaman Nikola Kirov. Dawn imxew b'mod professjonali, b'dan tal-aħħar, javża lil*

*Mary Ann Best illi l-lanċa kienet ser tavviċina, l-passarella se titniżżel u kien aħjar kienu jersqu minn fejn kienu sabiex jevitaw kull periklu. Min-naħa l-oħra, l-Master Francis Montebello wkoll mexa bi professjonalità u ma kienx previst li kien proprju dak il-ħin illi ried iressaq il-lanċa 'l quddiem illi nqata' l-cable tal-connection bejn il-kontroll u t-throttle tal-magna.*

*Għalhekk dan huwa inċident sfortunat li għalih ma hemm ħadd responsabbli f'għajnejn il-liġi...*

*4.1.3 Il-konklużjonijiet tal-inkjesta għandhom naturalment jingħataw il-piż tagħhom, kif l-istess għandu jsir bix-xhieda u opinjonijiet tekniċi mogħtija fl-istess inkjesta li ġiet konkluża fl-2009 u għalhekk relattivament kmieni wara l-inċident. Fl-istess waqt, huwa paċifiku illi l-proċeduri ċivili odjerni huma distinti minn proċeduri oħra li setgħu saru u għalhekk il-periti mhumiex sejrin sempliċiment jagħmlu tagħhom dawk il-konklużjonijiet. Dan partikolarment fid-dawl ta' provi mressqa quddiem il-periti sottoskritti li, minn ċerti aspetti, għandhom mnejn jikkontradiċu, jew almenu ma jaqblux eżatt ma' ċerti fatti kif konstatati fl-inkjesta;*

*4.1.4 Iffaċċjata minn verżjonijiet kontrastanti imressqa mill-partijiet, il-periti ġew gwidati minn dak li ġie mtenni f'diversi deċiżjonijiet tal-Qrati nostrani, ċjoè:*

*Illi f'ġudizzju Ċivili infatti l-Qorti trid tiddeċiedi appuntu fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet ("**Zammit v. Petrococchino**", Appell Kummerċjali, tal-25 ta' Frar 1952 ); il-Qorti allura jeħtieġ li tara jekk verżjoni waħda teskludix lill-oħra fuq bilanċ ta' probabbiltajiet; b'hekk jiġi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatorja tad-dubju u ssib refuġju mir-regola 'in dubio pro reo' – "**Enrico Camilleri v. Martin Borg**", (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003).*

*4.2 Osservazzjonijiet tal-periti dwar allegata responsabbiltà tal-intimati*

*4.2.1 L-allegazzjoni ewlenija tar-rikorrenti hija senjatament illi:*

*dan l-inċident ġara minħabba negliġenza, imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tal-baħar da parti tal-intimati jew min minnhom u/jew minħabba ħsarat fil-lanċa San Carlos II li minħabba fihom l-istess lanċa ma kinitx fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u ma kinitx tajba biżżejjed biex tinnaviga fil-baħar (seaworthy);*

*Għalhekk bħala parti mill-eżerċizzju tagħhom, il-periti qiesu diversi aspetti tal-inċident biex jikkunsidraw jekk hemmx bażi għal din il-pretensjoni*

*• Dokumenti tekniċi*

*4.2.2 Il-periti eżaminaw dawn id-dokumenti tekniċi tal-lanċa u l-ekwipaġġ eżebiti in atti. Id-dokumenti nstabu li huma sodisfaċenti u jilħqu r-rekwiżiti tar-regolamenti marittimi:-*

- *Report of survey for issuance of Commercial Vessel Certificate*
- *Commercial Vessel Certificate*
- *Certificate of Malta Registry*
- *Minimum Safe Manning Document*
- *Seaman's passport ta' Nikola Borisov Kirov*
- *Commercial Vessel Operator's License No MMA/PD/40/03/004*
- *Certificate of Competency tal-Boatmaster Grade 1 Francis Montebello*
- *Certificate of Competenc tal-Engine Driver Grade 3 Francis Montebello*
- *Certificate of Competency tal-Engine Driver Grade 3 Nicholas Spiteri*

*• Rigward rapport tal-inċident rikjest mill-Awtorità Marittima mill-Kaptan u/jew il-kumpanija.*

*4.2.3 Fir-rapporti tal-Pulizija, tal-Maġistrat inkwirenti u tal-Perit tekniku Victor (recte: Vincent) Ciliberti, ma ssemma xejn illi l-Awtorità Marittima ta' Malta (illum l-Awtorità għat-Trasport f'Malta) ġiet ikkuntattjata mill-Kaptan jew mill-kumpanija li topera l-lanċa skond L.S. 499.23 Regolament 56(1) li jitlob li s-sid jew il-Kaptan ta' bastiment involut f'inċident fejn ikun hemm min weġġa jew tilef ħajtu abbord il-bastiment jew x'imkien ieħor, jew f'kolliżjoni ma' bastiment ieħor jew ma' proprjetà oħra bi ħsara jew telf għall-bastiment l-ieħor, jew bi ħsara għall-ambjent tal-baħar jew lill-proprjetà oħra, għandu mill-ewwel jagħti rapport verbali ta' dan l-inċident lid-Direttur u fi żmien 24 siegħa mill-inċident, jagħti rapport bil-miktub lid-Direttur bid-dettalji kollha li huwa jista' jitlob.*

*4.2.4 B'rabta ma' dan, il-Kaptan Francis Montebello, fix-xhieda tiegħu wera nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tal-baħar meta xehed "Ma niftakarx jekk wara l-inċident irrapurtajtx lill-Awtorità Marittima dwar dak li kien seħħ.* ***Ma nafx dwar l-obbligi tal-Kaptan li jirraporta****. Ma nafx lanqas jekk sarx rapport mill-Kumpanija". [enfasi miżjuda]*

*4.2.5 Dr James Pace xehed "Sa fejn naf jien ma kontx għamilt rapport bil-miktub lil MMA fi żmien 24 siegħa. Sa fejn naf jien dan ma kienx it-tip ta' inċident li jirrikjedi dan it-tip ta' rapport għax ma kienx inċident bħal 'collision' li jirrigwardja l-lanċa proprja jew materja li taffetwa s-seaworthiness tal-lanċa" Dan juri nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tal-baħar imsemmija aktar 'il fuq.*

*4.2.6 Fid-9 ta' Mejju 2016, imbagħad, Dr Pace xehed "Jista' jkun li ġiet verbalment informata l-Awtorità Marittima. Ma jidhirlix li sar rapport bil-miktub." Ukoll xehed "Skont jien l-Awtorità ġiet informata iżda ma nafx ngħid minn min. Ma niftakarx jekk sarx jew le rapport bil-miktub lill-Awtorità." Jidher li ma tantx hemm konsistenza fix-xhieda jekk sar jew ma sarx rapport lill-Awtorità Marittima kif jitolbu r-regolamenti marittimi."*

*4.2.7 Fil-25 ta' Mejju 2016, Dr Pace esebixxa dokument immarkat Dok A28 ta' ittra allegatament mibgħuta mid-Direttur tal-kumpanija (l-isem tad-Direttur mhux imsemmi) lil Harbour Master (u mhux lid-Direttur kif jitlob l-Avviż Legali). Dan id-dokument qiegħed jiġi ppreżentat iktar minn 8 snin wara l-inċident u ġimagħtejn wara x-xhieda li kien tal-istess Dr*

*James Pace fid-9 ta' Mejju 2016. Hu nnutat illi ma ġietx ppreżentata xi komunikazzjoni, jew risposta mill-MMA minkejja li dan kien inċident li wassal għal korriment ta' tifel żgħir.*

*4.2.8 Fil-21 ta' Ġunju 2016 il-Kaptan Montebello xehed "Mistoqsi għalfejn wara inċident fejn korra tifel serjament ma stennejtx li jiġu l-Pulizija u Maġistrat biex jinvestigaw ngħid qabel xejn li jien ma kontx naf il-gravità tal-inċident. Jien ħadd ma qalli li se ssir inkjesta. Ħadd ma qalli biex ma nċaqlaqx il-lanċa". Ir-Regolament 56(1) tal-L.S. 499.23 jitlob li l-Kaptan ta' lanċa involuta f'inċident fejn weġġgħet xi persuna, għandu immedjatament jinforma verbalment lil Awtorità Marittima..." sabiex issir investigazzjoni mill-istess Awtorità.*

*4.2.9 Fid-dawl ta' din ix-xhieda, il-periti josservaw kif ġej:*

*(i) Jidher li l-Kaptan Francis Montebello u Dr James Pace ddikjaraw li ma jafux b'dawn ir-regolamenti u għalhekk urew nuqqas ta' konoxxenza u osservanza tar-regolamenti tal-baħar;*

*(ii) Jidher li hemm xhieda kunfliġġenti ta' Dr James Pace fejn fid-19 ta' Ottubru 2015 qal mod u fil-25 ta' Mejju 2016 xehed mod ieħor. Hemm dubju kbir jekk verament Dr J Pace bagħatx ittra bil-miktub lill-Awtorità kompetenti fiż-żmien rikjest mil-Liġi kif hu stess xehed fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2015;*

*(iii) Tenut kont tas-serjetà tal-inċident, tant li wassal għal inkjesta maġisterjali, mhuwiex verosimili illi l-Awtorità ma bagħtet ebda risposta jew imqar ackowledgement għall-ittra imsemmija kif jixhed Dr James Pace fil-kontroeżami tal-4 ta' Ottubru, 2016*

*(iv) Għalkemm il-Kaptan stqarr li ħadd ma qallu biex ma jċaqlaqx il-lanċa, hu ta' min jinnota li ħadd ma qal lill-Kaptan biex iċaqlaq il-lanċa wara inċident fejn terza persuna weġġgħet mill-istess lanċa.*

*4.2.10 Il-Periti ħassew li għandhom jissenjalaw dawn in-nuqqasijiet li ġew trattati mill-partijiet f'din il-kawża. Fl-istess waqt però jagħmluha ċara illi dak li huwa relevanti għall-vertenza mhuwiex tant sarx rapport lill-Awtorità wara l-każ, iżda kienx hemm nuqqasijiet qabel u waqt l-inċident li ikkontribwew għal dak li ġara.*

*• Osservanza ta' regolamenti marittimi u allegazzjonijiet dwar nuqqas ta' prudenza mill-ekwipaġġ*

*4.2.11 L.S. 499.23 fir-Regolament 43 (1) jgħid:*

*L-ebda sid jew Kaptan ta' bastiment kummerċjali ma jista' jikkaġuna jew jippermetti li xi bastiment jitħaddem b'mod ta' periklu għall-ħajja tan-nies jew tal-proprjetà ta' l-oħrajn jew li jista' jagħmel ħsara lill-ambjent tal-baħar.*

*4.2.12 Il-periti qiesu numru aspetti fid-dawl ta' dawn l-obbligi statutorji. Hekk, punt li qam waqt ix-xhieda kien jirrigwarda l-ħabel li bih mill-baga*

*ta' quddiem jintrabat mal-pruwa tal-lanċa. F'seduta tal-24 ta' Marzu 2014, l-intimat Nikola Borisov Kirov għad-domanda "Did this rope have a mark so you know where to tie it?" xehed "Yes, yes, it had this mark", ukoll "this rope is the same every day. We don't change the rope every time and it has always the size and the marks where it is tied." Ukoll kompla "yes, it was a permanent attachment".*

*4.2.13 Jidher għalhekk li kien hemm nuqqas ta' prudenza waqt l-operazzjoni tal-irmiġġ tal-lanċa San Carlos II u speċifikament b'rabta mal-ħabel imsemmi li mill-baga ta' quddiem jintrabat mal-pruwa tal-lanċa. Kif ġie rrakkontat li sar l-inċident, il-ħabel tal-irmiġġ marbut mal-pruwa tal-lanċa kien laxk wisq li ppermetta il-lanċa tersaq lura lejn il-moll, u billi l-iskala tal-poppa hi twila 3 metri il-barra mill-poppa u l-wiesa' tal-moll fejn sar l-inċident hu biss 2.56 metri, il-laxk fil-ħabel tal-irmiġġ ippermetta illi t-tarf estrem tal-iskala jolqot iċ-ċint u lit-tifel li kien bil-qiegħda fuq ic-ċint u biex b'hekk ikkontribwixxa direttament għall-inċident. Il-poppa tal-lanċa jew it-tarf tal-iskala qatt ma għandhom ikunu f'sitwazzjoni li jilħqu u jmissu il-moll jew iċ-ċint rispettivament fejn sar l-inċident, anke b'sempliċiment manuvra aċċidentali, u mhuwiex prudenti, professjonali u skond is-sengħa illi jkun hemm tant laxk fil-ħabel tal-irmiġġ tal-pruwa illi jippermetti li l-lanċa jew il-passarella jmissu mal-moll jew ċint, speċjalment meta l-irmiġġ tal-pruwa u dawk tal-poppa kienu diġà marbuta.*

*4.2.14 F'paġna 26 tar-relazzjoni tal-perit tekniku Vincent Ciliberti, l-intimat Montebello xehed illi "Dak il-ħin osservajt u deherli li għalkemm marbuta minn quddiem u mill-moll, il-lanċa bdiet, anke jekk b'mod żgħir ħafna, tersaqli lura, u erġajt mort lejn il-kabina u tfejt il-magna". L-esponenti josservaw però illi jekk il-lanċa kienet qiegħda tersaq lura "b'mod żgħir ħafna", il-ħabel tal-pruwa, li kien 'permanent attachment', kellu jżomm il-poppa tal-lanċa li ma tersaqx lura biżżejjed u tolqot lill-moll jew li l-gangway (passarella) li tolqot iċ-ċinta tal-moll. Fil-fatt, il-poppa tal-lanċa ma laqtitx il-moll, iżda kienet il-passarella illi laqtet lit-tifel bilqiegħda fuq iċ-ċint.*

*4.2.15 Fil-5 ta' Marzu 2008 l-intimat Montebello, bħala l-kaptan tal-bastiment xehed illi sal-ħin sa meta il-lanċa ġiet irmiġġata, huwa m'osserva xejn, iżda wara xi ħadd qallu li t-tifel intlaqat mill-passarella. Il-periti jidhrilhom illi dan huwa nuqqas għaliex huwa dmir tal-kaptan li kellu r-responsabbiltà tal-operazzjoni tal-irmiġġ tal-lanċa li jinduna li kien hemm tifel ta' età żgħira li kien fil-periklu fiż-żona tal-irmiġġ b'dan li kellha titwaqqaf immedjatament l-operazzjoni tal-irmiġġ.*

*4.2.16 F'paġna 26 tar-relazzjoni tal-perit tekniku Vincent Ciliberti fl-atti tal-inkjesta, jingħad illi l-Kaptan xehed illi waqt l-operazzjoni tal-irmiġġar tal-lanċa, il-ħbula tal-pruwa u li starboard side tal-poppa kienu marbutin, u l-kaptan ħass li kien ġralu xi ħsara fit-throttle; kompla li "ħriġt mill-kabina, tfajt it-tieni ħabel, u ċjoè l-port side lil Nikola, rabat, niżżilna l-gangway u niżlu t-tliet persuni. Dak il-ħin osservajt li għalkemm marbuta minn quddiem u mill-moll, il-lanċa bdiet, anke jekk b'mod żgħir ħafna, tersaqli lura, u erġajt mort lejn il-kabina u tfejt il-magna". (enfasi miżjuda) F'paġna 29 il-Kaptan Francis Montebello xehed illi "Jien ċert li l-joystick mexxejta ħarira 'l quddiem, però għal xi raġuni, l-lanċa marret lura......."*

*Il-Periti jinnutaw kontradizzjoni f'dawn iż-żewġ verżjonijiet u dan għaliex l-intimat Montebello jew "tefa' l-magna" jew "mexxa ħarira" l-joystick. Kien ikun iktar prudenti għall-Kaptan li jitfi l-ewwel il-magna qabel ma' joħroġ mill-kabina u mbagħad imur jitfa' t-tieni ħabel tal-poppa port side lill-baħri, għax il-lanċa kienet diġà marbuta mill-pruwa u l-istarboard side tal-poppa.*

*4.2.17 Jirriżulta illi meta l-kaptan ħass li l-lanċa qiegħda tersaq lura, hu poġġa t-throttle 'il quddiem meta kien jaf li hemm ħsara fit-throttle kif stqarr hu stess fix-xhieda tiegħu tal-5 ta' Marzu 2008 fil-proċeduri tal-inkjesta "Nispjega li meta dħalna mal-moll, il-baħri ċjoè Nikola, qabeż minn fuq il-lanċa għal fuq il-moll u rabat iċ-ċima starboard side, ċjoè tal-lemin. Dak il-ħin ħassejt li kien ġrali xi ħaġa fit-throttle, ħriġt mill-kabina, tfajt it-tieni ħabel ..." Li kieku ma missx it-throttle, seta' kien evitat l-inċident fejn il-passarella resqet lura b'iktar saħħa u weġġgħet lit-tifel. Ma jidhirx li l-kaptan uża prudenza meta miss it-throttle meta skont hu, kien jaf li kellu xi ħsara fl-istess throttle, għax fil-fatt osserva li għalkemm marbuta minn quddiem u mill-moll, il-lanċa bdiet, anke jekk b' "mod żgħir ħafna", tersaq lura.*

*4.2.18 Fl-atti tal-inkjesta, senjatament fil-5 ta' Marzu 2008 Mary Ann Pace née Best (in-nanna tat-tifel) xehdet illi "niżlu tliet turisti minn fuq il-gangway, u niftakar ċar illi dawn kellhom jinżlu speċi ta' tarġa min fuq il-gangway għal fuq il-moll, u x'ħin niżlu t-turisti stajt nosserva li l-magni tal-lanċa tħaddmu b'aktar veloċità. Deher li l-baħar beda jidher li qiegħed jitqalleb kaġun tal-effett tal-magni, u smajt lil raġel li naf li kien parti mill-crew u li kien fuq il-lanċa jgħajjat 'żul minn hemm' u qbadt lit-tifel u ressaqtu billi erfajtu fuq idi, però smajt lit-tifel jibki u mort fid-direzzjoni ta' binti". Il-periti hawn josservaw illi jidher li l-operazzjoni tal-irmiġġjar kienet kompluta, għax li kieku ma kinux jitniżżlu t-tliet turisti. Ukoll, f'dak il-mument, il-lanċa kienet wieqfa għax ma tkunx prudenza mill-ekwipaġġ li jniżżlu t-turisti bil-lanċa miexja, anke jekk kienet miexja bil-mod. Jekk din ix-xhieda hija aċċettata, allura kellha tintwera aktar prudenza fil-ħin bejn meta niżżlu t-turisti u l-kaptan miss it-throttle tal-magna li jidher li ġiegħel lill-lanċa tersaq lura u li l-passarella tolqot lit-tifel. Din il-prudenza setgħet tkun illi jitolbu lit-tifel u nanntu sabiex iwarrbu u jaraw illi assolutament ma jibqgħux fejn kienu, u l-manuvra tal-irmiġġ tal-lanċa ma jkomplix qabel dan isir.*

*4.2.19 Il-kaptan ikkonferma li l-pożizzjoni tal-gangway kienet bi dritt il-pożizzjoni fejn kien bilqiegħda t-tifel. Il-fażi tal-irmiġġar titlob aktar prudenza, attenzjoni u viġilanza, u jekk hemm bżonn, l-operazzjoni tal-irmiġġar kellha titwaqqaf sakemm it-tifel jitneħħa minn fuq iċ-ċint. F'dan ir-rigward, jingħad illi fl-atti tal-inkjesta 5 ta' Marzu 2008 Katia Fenech Pace, xehdet semgħet lill-Kaptan jgħid lil ommha "rajtni dieħel bil-lanċa, bqajt hemmhekk". Il-prudenza marittima titlob li f'sitwazzjoni bħal din, il-kaptan m'għandux ikompli l-operazzjoni tal-irmiġġ, speċjalment meta jkun hemm possibilità, anke remota ta' periklu. Il-manuvrar ta' lanċa waqt l-irmiġġar tagħha hija proċedura importanti minħabba li tista' tkun perikoluża, speċjalment fejn il-post tal-irmiġġ qiegħed f'post pubbliku. Nikola Borisov Kirov xehed illi, waqt l-irmiġġar kien hemm diversi persuni, saħansitra persuni li kellhom saqajhom imdendlin ġol-baħar. L-intimat Francis Montebello ma kellux jippermetti illi l-lanċa tersaq lejn il-*

*moll u jkun ta' periklu għal ħajja ta' persuni fuq il-post u filwaqt li tifel żgħir kien qiegħed bilqiegħda fuq ċint bi dritt tal-lanċa.*

*4.2.20 Nhar il-5 ta' Marzu 2008 (l-għada tal-inċident), Mary Ann Pace xehdet fl-atti tal-inkjesta "F'ħin minnhom waslet lanċa li ġġorr it-turisti, ġiet bid-direzzjoni bil-poppa lejn il-moll, niżżlet gangway li baqgħet merfugħa ċirca tletin (30) ċentimetru 'l fuq mill-wiċċ tal-moll, niżlu tliet turisti min fuq il-gangway, u niftakar ċar illi dawn kellhom jinżlu speċi ta' tarġa min fuq il-gangway għal fuq il-moll, u x'ħin niżlu t-turisti stajt nosserva li l-magni tal-lanċa tħaddmu b'aktar veloċità." Fl-istess jum, Nikola Borisov Kirov xehed fl-għassa tal-pulizija ta' tas-Sliema "I was the one who moored the boat astern and front, while the gangway was raised approximately fifty (50) centimetres above the quay level". Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, u senjatament fil-25 ta' Mejju 2016 Mary Anne Pace xehdet "Il-passarella rajtha ukoll. Niftakar li (l-passarella) li tant ma kenitx tmiss mal-art li l-passiġġieri huma u neżlin bdew jaqbżuha". F'dan ir-rigward, il-periti josservaw illi l-Kaptan ippermetta u ħalla lill-passarella li ma tmiss ma l-art b'konsegwenza ta' sigurtà u periklu għall-ħajja tat-turisti li kellhom jitniżżlu minn fuq il-lanċa, kif jitlob l-artiklu 43 (1) tar-Regolamenti dwar Bastimenti Kummerċjali (L.S. 499.23). Passarella li tintuża sabiex jitniżżlu turisti mil-lanċa għal fuq l-art għandha titniżżel kompletament sakemm tmiss mal-art u tkun stabbli. Hu ta' min jinnota li l-fatt li kawża li l-passarella kienet tiddendel il-fuq mill-wiċċ tal-moll kienet waħda mir-raġunijiet illi it-tifel intlaqat f'siequ meta kien bilqiegħda fuq iċ-ċint. Li kieku l-istess passarella kienet tmiss mal-art, il-gangway ma kinitx tkun għolja biżżejjed biex tolqot lit-tifel. Il-professjoni titlob li passarella tista' tinżamm għolja mill-wiċċ tal-moll biss meta ma tkunx tintuża, speċjalment mill-passiġġieri.*

*4.2.21 F'xhieda tal-4 ta' Ottubru 2016, il-Kaptan Montebello sostna "Jiena daqqejt tliet darbiet il-horn jien u dieħel lura. Dan skont ir-regoli tal-baħar. Id-daqq isir 'at intervals'. Dan biex navża kemm lil min qed jopera b'xi laneċ oħra u biex niġbed l-attenzjoni ta' min qiegħed fuq il-moll…". Jidher hawn illi l-intimat Montebello qiegħed jirreferi għal International Regulations for Prevention of Collisions at Sea, 1972 Regulation 34 (a) li jgħid "When vessels are in sigh of one another, a power-driven vessel underway, when manoeuvring as authorized or required by these Rules, shall indicate that manoeuvre by the following signals on her whistle… - three short blasts to mean 'I am operating astern propulsion'. Ma hemm xejn fir-regolament però li jgħid li dawn 'three short blasts' japplikaw għall-persuni li jkunu fuq il-moll jew li l-persuni hemm preżenti huma meqjusa li jafu x'ifisser tali sinjal.*

*4.2.22 B'rabta ma' dan jingħad ukoll illi fil-25 ta' Ottubru 2016 il-Kaptan Montebello xehed "Mistoqsi għalfejn bqajt dieħel bil-lanċa meta jiena rajt in-nies fuq il-moll, ngħid illi n-nies kienu hemm biex jirkbu għall-vjaġġ li jmiss. Aħna ndoqqu l-horn u ngħidu lin-nies iwarrbu bħalma jiġri fuq l-istejġ tal-karozza tal-linja". Fl-operat u regolamenti marittimi però, jekk Kaptan ikollu xi dubju dwar xi riskju imminenti rigward xi manuvra tal-lanċa, dak ir-riskju għandu jittieħed li jeżisti u għandu jwaqqaf il-manuvra tiegħu. Il-Kaptan ma għandux jassumi li 'n-nies kienu hemm biex jirkbu għall-vjaġġ li jmiss' meta l-moll huwa post pubbliku aċċessibbli minn kulħadd.*

*• Fuq il-manuvra tal-irmiġġ*

*4.2.22 F'xhieda tat-8 ta' Jannar 2014 Nikola Borisov Kirov xehed "I say that the boat was tied after the accident happened" u wkoll "I jumped down after the accident happened and I tied the boat". Nikola Borisov Kirov qal li tefa' l-ħbula, qabeż minn fuq il-lanċa għal fuq il-moll, rabat wieħed mill-ħbula (starboard side) mal-bollard fuq il-moll. Il-kaptan ħass li ġralu xi ħaġa fit-throttle, ħareġ mill-kabina, tefa' t-tieni ħabel (port side), Nikola rabtu u mbagħad niżżlu il-gangway fuq il-moll biex jitniżżlu t-turisti. Waqt li Nikola Kirov qal li tefa' ż-żewġ ħbula, l-kaptan qal li tefa' l-ħabel tal-port side.*

*4.2.23 L-istess Nikola Borisov Kirov f'xhieda tal-24 ta' Marzu 2014 stqarr " So I am being asked when were the back ropes tied to the bollards of the quay: I tied the boat at the back after the accident happened. I am being asked whether at the time of the incident the ropes at the back were not tied at all; I say not. To tie the rope at the back I have to go down from the gangway. At that moment boat was moving back and I couldn't jump from the gangway onto the ground to tie the rope, and then the accident happened." Ix-xhud ikompli "I am being asked about the tourists who were on the boat if they were still on the boat at time of incident: yes at the time of the incident they were on the boat." Il-verżjoni tal-kaptan, l-intimat Montebello, fix-xhieda li ta fil-kuntest tal-inkjesta tal-5 ta Marzu 2008 hija kompletament differenti għax kien stqarr "Wasalt il-Ferries biex nirmiġġa l-lanċa, u kif wasalt mal-moll, u ċjoè stern quay, irbatna l-ħbula mal-bollards max-xatt u niżżilna l-gangway u nizlu t-tliet passiġġieri minn fuq il-lanċa. Nispjega li meta dħalna mal-moll, il-baħri, ċjoè Nikola, qabeż minn fuq il-lanċa għal fuq il-moll u rabat iċ-ċima starboard side, u ċjoè tal-lemin. Dak il-ħin ħassejt li kien ġrali xi ħaġa fit-throttle, ħriġt mill-kabina, tfajt it-tieni ħabel, u ċjoè l-port side lil Nikola, rabat, niżżilna l-gangway u niżlu t-tliet persuni. Dak il-ħin osservajt u dehrli li għalkemm marbuta minn quddiem u mill-moll, il-lanċa bdiet, anke jekk b'mod żgħir ħafna, tersaqli lura, u erġajt mort lejn il-kabina u tfejt il-magna."*

*4.2.24 Fix-xhieda tal-Kaptan Francis Montebello tal-5 ta' Marzu 2008 fil-kuntest tal-inkjesta, huwa stqarr "Dak il-ħin ħassejt li kien ġrali xi ħaġa fit-throttle, ħriġt mill-kabina, tfajt it-tieni ħabel, u ċjoè l-port side lil Nikola, rabat, niżżilna l-gangway u niżlu t-tliet persuni. Dak il-ħin osservajt u dehrli li għalkemm marbuta minn quddiem u mill-moll, il-lanċa bdiet, anke jekk b'mod żgħir ħafna, tersaqli lura, u erġajt mort lejn il-kabina u tfejt il-magna". Fl-istess xhieda tiegħu tal-5 ta' Marzu 2008 l-intimat Montebello qal li qabel tefa' l-magna tal-lanċa qal li seta' miss it-throttle u jekk għamel hekk, il-lanċa setgħat irtirat xi naqra lura. Wara qal li kien ċert li l-joystick mexxieh ħarira 'l-quddiem, però għal xi raġuni, il-lanċa marret lura".*

*4.2.25 F'dan ir-rigward, il-periti sottofirmati josservaw kif ġej:*

** Kien ikun iktar prudenti għall-Kaptan li jitfi l-ewwel il-magna qabel ma' joħroġ mill-kabina u imbagħad imur jitfa' t-tieni ħabel tal-poppa port side lill-baħri.*

** Jidher li hemm kontradizzjoni x'għamel eżatt il-kaptan rigward it-throttle.*

** Meta l-kaptan ħass li l-lanċa qiegħda tersaq lura, hu poġġa t-throttle 'il quddiem meta kien jaf li hemm ħsara fit-throttle.*

** Li kieku ma messx it-throttle, seta' kien evitat l-inċident fejn il-passarella resqet lura b'iktar saħħa u weġġgħet lit-tifel. Ma jidhirx li l-kaptan uża prudenza meta miss it-throttle meta skont hu, kien jaf li kellu xi ħsara fl-istess throttle.*

** Jekk il-kaptan tefa' l-ħabel tal-port side tal-poppa sabiex jintrabat mal-bollard fuq il-moll, il-lanċa kienet kompletament irmiġġata mill-pruwa u wkoll mill-poppa port u starboard; allura ma kienx hemm bżonn li l-kaptan imiss it-throttle. Seta' biss jitfi l-magna.*

*• Il-kwestjoni tal-bdil tal-cable*

*4.2.26 Punt spinuż illi jeħtieġ illi jiġi kkunsidrat huwa l-allegat qtugħ tal-morse cable. Dan għaliex il-ħsara fil-cable hija punt ċentrali tad-difiża tal-intimat Montebello, tal-bastiment, u tas-soċjetà Alliance Cruises Limited. Del resto, kienet ukoll ir-raġuni prinċipali li wasslet lill-maġistrat inkwirenti sabiex jikkonkludi illi ma kien hemm ebda ħtija tal-kaptan jew l-ekwipaġġ għal dak li ġara. Kemm hu hekk, il-Maġistrat Inkwirenti Dr Michael Mallia, fil-Proċess Verbal tat-3 ta' Awissu 2009 stqarr f'paġna 3:*

*"Sussegwentement saret spezzjoni teknika fuq il-lanċa biex jiġi determinat il-kawża tal-malfunction tal-joystick meta tressqet 'il quddiem. Dan ġie identifikat fil-qtugħ tal-cable minn bejn il-joystick u t-throttle tal-magna".*

*Madanakollu, fil-kors tal-preżenti proċeduri tqajjem dubbju mir-rikorrenti dwar jekk tassew din kinitx il-kaġun tal-inċident*;

*4.2.27 Il-periti esponenti umilment jissottomettu illi għandhom riżervi kbar dwar kemm tassew inqata' l-morse cable u dan in vista ta' numru ta' kontradizzjonijiet fix-xhieda mressqa illi ma jħallux lill-periti s-serenità li jikkonkludu fuq bażi ta' probabbiltà li tassew l-inċident ġie kkawżat minn qtugħ ta' din il-cable. Jibda biex jingħad illi, fil-kuntest tal-inkjesta, l-unika persuna li setgħet tagħmel l-ispezzjoni teknika huwa Vincent Ciliberti illi kien maħtur bħala perit tekniku mill-maġistrat inkwirenti. Dan fix-xhieda tiegħu tat-18 ta' Novembru 2014 iddikjara li "Meta jien għamilt l-Aċċess fuq il-cable ma rajtux maqtugħ". Dak li ntqal fir-rapport tal-Maġistrat Inkwirenti jikkontrasta bil-qawwi ma' dak li stqarr il-perit tekniku fix-xhieda f'dawn il-proċeduri. L-istess perit tekniku ppreżenta u ħalef ir-relazzjoni tiegħu fit-2 ta' April 2008. Fir-relazzjoni tiegħu, hu ma kkonfermax illi l-cable tal-ingranaġġ inqata' waqt l-operazzjoni tal-irmiġġar u ma jidhirx (almenu mix-xhieda tiegħu) li qatt ra l-cable. Hu sempliċement stqarr, mingħajr verifikazzjoni, li ".... Sur Montebello flimkien ma' Dr James Pace stabbilew li kien inqata' l-cable ta' dak li hu*

*magħruf 'bħala t-throttle jew joystick" (vide paġna 10, paragrafu 13, tar-relazzjoni ta' Vincent Ciliberti.*

*4.2.28 F'xhieda tal-5 ta' Marzu 2008 fl-inkjesta maġisterjali, lanqas Nikola Borisov Kirov ma semma xi qtugħ ta' cable. Dr James Pace, Direttur tas-soċjetà Alliance Cruises li topera l-lanċa, xehed illi fil-ġurnata ta' l-inċident fl-4 ta' Marzu 2008, irriżultalu illi mar cable tas-selector li jingrana ahead, astern u neutral u "ma sar l-ebda vjaġġ ieħor ilbieraħ sakemm inbidel il-cable fl-4.30/5.00pm, u llum il-lanċa operat normali". Dan jidher ikkonfermat mix-xhieda tat-tekniku Nicholas Spiteri li fid-29 ta' Marzu, 2008 xehed "Mort immedjatament fuq il-post u sibt il-gearbox ingranata fuq ir-reverse, u x'ħin inżilt ħdejn il-magna sibt il-cable maqtugħ." Min-naħa l-oħra, PS 36 Sergio Azzopardi, Espert Forensiku ma rrelata xejn, fir-relazzjoni tiegħu rigward qtugħ ta' cable meta mar fuq il-post nhar l-4 ta' Marzu 2008, fil-ġurnata tal-inċident. Sempliċement ħa ritratti tal-lanċa u tal-passarella iżda ma ħax ritratti tal-cable (xhieda tas-16 ta' Frar 2009). Fl-4 ta' Novembru 2013 f'dawn il-proċeduri, Dr James Pace xehed illi l-cable "Inbidel l-għada tal-inċident" u l-lanċa "ħadmet normali mbagħad" ċjoè fil-5 ta' Marzu 2008. Ix-xhud ikompli billi jgħid li "Għax l-għada stess tal-istess inċident inbidel il-cable fil-għodu wara li konna nafu mid-diagnosis illi ma kien hemm xejn problemi ħlief li mar il-cable."*

*4.2.29 Jidher għalhekk li hemm kontradizzjonijiet u verżjonijiet kunfliġġenti ta' meta allegatament inbidel il-cable li jqajmu dubbju leġittimu jekk il-cable verament inqatax. Hekk, il-periti jkomplu josservaw illi fis-sottomissjonijiet ta' l-Ispettur Anna Marie Micallef mibgħuta lill-maġistrat inkwirenti fl-4 ta' Marzu 2008 ma hemm l-ebda nota ta' xi qtugħ ta' cable, għax kull ma stqarr il-Kaptan Montebello kien "...ġie stabbilit illi waqt li lanċa bl-isem San Carlos II. Kienet għada kemm irmunkat mal-moll tax-Xatt ta' tas-Sliema, f'xi ħin aċċidentalment kien intlaqat tifel, x'aktarx bil-passarella tal-istess lanċa." Fix-xhieda tiegħu mogħtija fl-inkjesta senjatament fid-29 ta' Marzu, 2008, Nicholas Spiteri ma jgħidx illi biddel il-cable. F'seduta tad-9 ta' Mejju, 2016, però jixhed "Il-cable bdiltu jien u jien personalment għaddejt il-cable maqtugħ lill-espert." Mill-banda l-oħra, f'xhieda tat-18 ta' Novembru 2014 Vincent Ciliberti xehed "Qed jiġi suġġerit illi s-Sur Spiteri kien il-persuna li biddel il-cable u kkonsenjahuli fid-29 ta' Marzu 2008, ngħid illi l-cable qatt ma kkonsenjahuli u x'għamel hu bil-cable jiena ma nafx għax jien ma kontx preżenti". Fil-15 ta' Ġunju 2015, Dr James Pace, mistoqsi għalfejn biddel il-cable qabel ma ġie l-espert tal-Qorti jara x'ġara, jgħid "illi l-espert tal-Qorti ġie dakinhar stess wara nofsinhar u ħa ritratti fil-post…" Madanakollu fix-xhieda tiegħu, l-espert tal-Qorti Cilberti stqarr li mar fuq il-post tal-inċident l-għada tal-inċident u li ma rċieva l-ebda cable maqtugħ u ma ħa l-ebda ritratti ta' tali cable.*

*4.2.30 Dan huwa punt ieħor fejn jirriżultaw kontradizzjonijiet fix-xhieda. L-eċċipjenti jinsistu illi l-cable maqtugħ kien ħadu l-perit tekniku maħtur fl-inkjesta, Victor (recte: Vincent) Ciliberti, imma hu jsostni mod ieħor. Hekk fix-xhieda tiegħu tal-15 ta' Lulju 2013 Dr James Pace jgħid" Fil-fatt is-Sur Ciliberti kien ħa ritratti tas-selector room u tal-engine room u tat-throttle etc u l-cable li konna qlajnieh u wrejnieh x'seta' ġara jew whatever, kien ħadu miegħu biex jitfgħu mal-items". Dan itennih*

*f'seduta tal-4 ta' Novembru 2013 "mingħalija Mr Ciliberti kien ħadu (il-cable) miegħu wkoll u konna tajnihulu". F'xhieda tal-24 ta' Marzu 2014 Nicholas Spiteri jistqarr "Il-cable tajtu - ikkonsenjajtu lil persuna li ġiet, għamlitli bil-ġurament l-istqarrija fuq ix-Xatt." Is-seduta li għamel Vincent Ciliberti lil Nicholas Spiteri saret fid-29 ta' Marzu 2008 u fil-verbal ta' Vincent Ciliberti ma jirriżultax illi Nicholas Spiteri kkonsenja l-cable lis-Sur Ciliberti. Ukoll fix-xhieda tal-Perit Tekniku Vincent Ciliberti fit-18 ta' Novembru 2014 hu xehed" ġo l-engine room ma nżiltx u ma rajtx il-cable tal-ingranaġġ; lanqas ma rċevejt xi cable mingħand Nicholas Spiteri ...".*

*4.2.31 Fit-18 ta' Ġunju 2015 Dr James Pace xehed "illi l-espert tal-Qorti (Ciliberti) ġie dakinhar stess wara nofsinhar u ħa xi ritratti fil-post". Id-dikjarazzjoni ta' Dr James Pace ġiet miċħuda mill-istess Ciliberti meta' fit-18 ta' Novembru 2014 hu xehed "Ritratti ma ħadtx". Hu wkoll ta' min jinnota illi fir-rapport ta' Ciliberti ma jissemmewx ritratti. L-uniċi ritratti eżebiti fir-rapporti huma dawk meħudin mill-Pulizija.*

*4.2.32 F'seduta tat-18 ta' Ġunju 2015 Dr James Pace xehed "Minkejja dak li xehed ix-xhud Ciliberti nikkonferma li jiena kont għaddejtlu l-cable maqtugħ fuq talba tiegħu stess, anzi fuq l-insistenza tiegħu. Ma kontx tlabtu rċevuta dakinhar. Bħala bniedem professjonali stennejt li dan il-fatt se jissemma fir-rapport finali tiegħu". Ix-xhieda ta' Vincent Ciliberti però, hija totalment opposta. Huwa xehed "Meta jien għamilt l-Aċċess fuq il-cable, il-cable ma rajtux maqtugħ" u kompla "Il-kwistjoni tal-cable irriżultat wara. Jien sirt naf illi Dr J Pace kien biddel il-cable biss wara li interrogajtu u mhux immedjatament kif wasalt fuq il-post". Jikkonferma wkoll : "jien ħadt id-depożizzjoni ta' Dr James Pace fil-5 ta' Marzu 2008 dan kien qalli illi meta nqata' l-cable irranġah fl-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar billi kien bagħat għal persuna apposta għal dan l-iskop u dan inbidel u sostitwit b'cable ieħor wara l-istess inċident".*

*4.2.33 Waqt l-aċċess quddiem il-perit tekniku sottoskritt fit-28 ta' Novembru 2012, Dr James Pace xehed "Il-connection mal-ingranaġġ hija dik li nqatgħet meta sar l-inċident…." Mentri fix-xhieda li ta fil-15 ta' Lulju 2013 stqarr "Mistoqsi jekk rajtx il-wire maqtugħ ngħid li iva. Mistoqsi minn fejn inqata' ngħid li mhiniex ċert hux f'nofs il-cable jiġifieri fit-tul tal-cable jew fit-tarf. Ma nafx però liema tarf kien għax għaddew 5 snin….." Jidher li Dottor Pace kien ċert li l-cable nqata' mill-connection tal-ingranaġġ fl-2012 u ma kienx jaf eżatt fl-2013.*

*4.2.34 Fix-xhieda tal-24 ta' Marzu 2014, Nikola Spiteri stqarr li "ngħid illi kien maqtugħ iktar minn metru mix-xifer fejn kien maqtugħ…….metru minn fejn il-gearbox" Madanakollu, l-opinjoni tal-perit tekniku sottoskritt hija illi mhux konvinċenti li cable ta' dak it-tip jinqata' minn nofs il-cable meta l-istess Nikola Spiteri stqarr li la kien hemm korruzzjoni u anqas wires maqtugħin.*

*4.2.35 Hu ta' min jinnota li fil-Maintenance Record Log, li l-oriġinal tiegħu ġie eżebit quddiem il-periti sottoskritti, id-data ta meta nbidel il-cable huwa muri bħala "March 08", li Dr J Pace spjega li hi Marzu 2008; ċjoè li l-ġurnata eżatta mhix murija.*

*4.2.36 Fid-dawl ta' dan li ngħad, il-periti sejrin jiġbru l-osservazzjonijiet tagħhom dwar dan l-aspett tal-vertenza kif ġej:*

*(i) Ġie allegat li l-kawża prossima tal-inċident kienet il-qtugħ tal-cable tal-ingranaġġ tal-magna waqt l-irmiġġar tal-lanċa San Carlos II. Dan l-allegat qtugħ kien punt kardinali li l-inkjesta Maġisterjali kellha tagħtih attenzjoni speċjali. Fir-rapporti tal-Maġistrat Inkwirenti, mill-Pulizija u speċjalment mill-Perit Tekniku Vincent Ciliberti ma jidhirx li saret spezzjoni dettaljata tal-allegat cable maqtugħ, għax fil-fatt dan il-cable ma rah ħadd mill-inkwirenti. Fix-xhieda tal-perit tekniku Vincent Ciliberti fit-18 ta' Novembru 2014, hu stqarr "Meta jien għamilt l-Aċċess fuq il-cable, il-cable ma rajtux maqtugħ". Min-naħa tal-ekwipaġġ u sidien tal-lanċa, dawn jidhru li, f'seduta diversi, taw verżjonijiet differenti ta' meta nbidel dan il-cable. L-allegat qtugħ u bdil tal-cable ma jistax jiġi kkonfermat mill-periti, speċjalment meta l-perit tekniku Vincent Ciliberti ċaħad illi ra, rċieva jew żamm dan il-cable.*

*(ii) Fis-sottomissjonijiet ta' l-4 ta' Marzu 2008 (jum l-inċident) lill-Maġistrat Inkwirenti, l-Ispettur Anna Marie Micallef għamlet indaġni fuq il-post ta' l-inċident u kellmet lill-Kaptan Francis Montebello u Nikola Borisov Kirov. Ma kien hemm l-ebda xhieda li tirriferixxi għal xi qtugħ ta' xi cable tal-ingranaġġ, li l-magna tal-lanċa kienet ingranata 'astern', jew li Nikola Spiteri bidel il-cable tat-throttle bejn l-4.30/5.30pm fl-istess ġurnata ta' l-inċident. Ukoll, fis-sottomissjonijiet ma jissemmewx:*

*a. li l-Ispettur tat xi permess illi jinbidel il-cable tal-ingranaġġ*

*b. li l-lanċa setgħet titneħħa minn fuq il-post tal-inċident*

*c. fil-fatt jidher li l-cable ġie allegatament mibdul u l-lanċa San Carlos II ġiet imneħħija minn fuq il-post tal-inċident mingħajr awtorizzazzjoni.*

*(iii) Waqt l-Aċċess li l-perit tekniku għamel fuq il-lanċa fit-28 ta' Novembru 2012, ġie nnutat li l-kulur tal-cables tat-throttle u ingranaġġ, il-kundizzjoni tagħhom u l-'ageing' tagħhom kienu l-istess, li jindikaw illi hemm probabbiltà kbira li dawn kienu nbidlu fl-istess żmien qabel Marzu 2008. Ukoll iż-żewġ cables (tal-ingranaġġ u tat-throttle) kellhom l-istess tiċpis ta' żebgħa. Din in-nota żgur li ma tgħinx il-verżjoni illi l-cable tal-ingranaġġ inbidel f'Marzu 2008.*

*(iv) Minħabba dikjarazzjonijiet kunfliġġenti rigward jekk il-cable tal-ingranaġġ inqatax jew le, l-opinjoni tal-perit tekniku hi li seta' l-Kaptan ħaseb li għamel l-ingranaġġ 'neutral' meta l-istess ingranaġġ seta' kien imdaħħal daqsxejn 'astern'. Fil-fatt, fit-18 ta' Novembru 2014, il-perit tekniku Vincent Ciliberti xehed "Il-kwistjoni kienet riżultat illi l-ingranaġġ baqa' fuq ir-reverse meta hu kien qed jipprova jmur lura".*

(v) *F'xhieda tat-2 ta' Diċembru 2011 PS Sergio Azzopardi - Scene of the crime officer stqarr li mar fuq il-lanċa nhar l-inċident u ma ssemma xejn rigward il-cable. Meta l-Kaptan jew il-kumpanija operatriċi ddikjaraw li sabu li l-cable tal-ingranaġġ kien maqtugħ, dawn kellhom id-dmir u r-responsabbiltà li jinfurmaw lill-membri tal-inkjesta Maġisterjali sabiex jaraw, jeżaminaw u jikkonfermaw il-qtugħ tal-cable qabel ma dak il-cable allegatament maqtugħ jiġi mneħħi u mibdul.*

(vi) *Il-kumpanija Alliance Cruises iddeċidiet waħidha li tibdel il-cable tat-throttle li allegatament kien maqtugħ, u dan waqt li kienet qiegħda ssir inkjesta tal-Maġistrat. Ukoll, PS Sergio Azzopardi fix-xhieda tiegħu ta' 2 ta' Diċembru 2011 stqarr li "mort fuq il-post dakinhar stess. Niftakar li kien hemm pulizija li kien fixed point duty...". Ma jistax ma jiġix osservat illi hija xi ħaġa anomala li jintmiss xi ħaġa fuq il-lanċa mingħajr permess tal-Maġistrat Inkwirenti. Il-cable maqtugħ ma deherx waqt il-proċess ta' din il-kawża, għalkemm sar kull attentat sabiex dan il-cable maqtugħ jinstab.*

(vii) *Il-manuvra ta' lanċa waqt l-irmiġġar tagħha hija proċedura importanti daqskemm tista' tkun perikoluża, speċjalment fejn hu l-post tal-irmiġġjar, għax qiegħed f'post frekwentat mill-pubbliku. Il-Kaptan tal-lanċa ma setax jippermetti illi l-lanċa tkompli tersaq lejn il-moll u jkun ta' periklu għall-ħajja ta' persuna filwaqt li tifel ta' età żgħira kien qiegħed bil-qiegħda fuq ċint bi dritt il-lanċa.*

• *Rigward ir-rota mkissra tal-passarella*

*4.2.37 Ir-rikorrenti waqt is-smigħ ressqu provi dwar ir-rota tal-passarella li jidher minn ritratti eżebiti li kienet imkissra. Dwar dan, fl-4 ta' Novembru 2013 Dr James Pace xehed "Ngħid illi huma tal-plastik ir-roti u jista' jkun li kienet imkissra; però nixtieq inżid ukoll li r-roti ma għandhom l-ebda funzjoni f'dik it-tip ta' passarella, jekk passarella ma tkunx fuq flange u pin u ddur". Min-naħa tiegħu, l-intimat, il-Kaptan Montebello, f'seduta tas-27 ta' Mejju, 2015 jixhed illi r-rota tal-passarella "m'hijiex perikoluża għaliex ma tintużax, fis-sens li ma tmissx mal-art". Hu kompla "Il-passarella titniżżel u tmiss mal-art biss meta jkollna xi passiġġieri anzjani jew bi problemi ta' mobbilità". F'seduta tal-25 ta' Mejju 2016. Mary Anne Pace née Best xehdet "Jiena d-dgħajsa rajtha ġejja. Il-passarella jiena rajtha ukoll. Niftakar li tant ma kinitx tmiss mal-art li l-passiġġieri huma u neżlin bdew jaqbżu".*

*4.2.38 Fid-dawl ta' dan, il-perit tekniku josserva kif ġej:*

*4.2.38.1 Ir-roti huma parti integrali tal-passarella u għandhom ikunu f'kundizzjoni tajba. Jekk kienu mkissrin, kellhom jinbidlu immedjatament u ma jitħallewx fuq il-passarella li tintuża sabiex jinżlu u jitilgħu il-passiġġieri. Il-kaptan bħala responsabbli għall-bastiment, u l-kumpanija li topera l-istess bastiment jidher illi ma jikkunsidrawx illi rota mkissra tal-passarella hu difett importanti. Madanakollu meta rota mkissra tmiss mal-art, kull moviment tal-lanċa u ċjoè tal-passarella ma jkunx uniformi u jista' jikkawża movimenti perikolużi. Hija negliġenza tal-Kaptan u tal-*

*kumpanija li tħalli rota mkissra fuq passarella għax hija ir-responsabbiltà tagħhom li jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġ ta' kull parti tal-lanċa u passarella. Rota mkissra tfisser nuqqas ta' manutenzjoni li kellha ssir. Dan in-nuqqas ta' manutenzjoni tista' tippermetti illi l-passarella titħaddem b'mod perikoluż għas-sigurtà tal-passiġġieri, ekwipaġġ u oħrajn.*

*4.2.38.2 Ma kien hemm l-ebda xhieda waqt is-seduti, kif ġie allegat fin-nota tas-soċjetà konvenuta illi "l-'cover' tal-lastiku tar-roti tal-passarella inkiser bħala riżultat meta seħħ l-inċident", iktar u iktar meta l-istess Kaptan u l-baħri xehdu illi l-passarella kienet tinżamm għolja mill-art tal-moll. Hawnhekk għandu jingħad illi filwaqt illi l-kundizzjoni tar-rota aktar ma kkontribwietx għall-inċident jew għas-serjetà tiegħu, mhux l-istess jista' jingħad għall-fatt illi l-passarella tħalliet li ma tmissx mal-art. Minbarra li dan seta' jikkawża periklu għat-turisti li riedu jiżbarkaw mill-bastiment (bi ksur tar-Regolamenti dwar Bastimenti Kummerċjali), ma jistax ma jingħadx illi kieku r-roti kienu jmissu mal-art tal-moll, ma kinux jolqtu sieq it-tifel li kienet xi 40 ċentimetru għola mill-art tal-moll.*

*4.3 <u>Allegata responsabbiltà kontributorja tar-rikorrenti u/jew ta' Mary Ann Pace née Best</u>*

*4.3.1 L-eċċipjenti, partikolarment, il-bastiment San Carlos II, is-soċjetà Alliance Cruises u Francis Montebello, isostnu illi t-tort tal-inċident kien tan-nanna tal-minuri, u ċjoè Mary Anne Pace née Best.*

*4.3.2 B'rabta ma' dan il-periti sottofirmati josservaw illi meta jiġi allegat mill-intimati illi hemm kontributorjetà ta' ħaddieħor, "l-eżistenza ta' tali kontributorjetà u l-proporzjon tagħha għandu jittieħed inkonsiderazzjoni fir-ripartizzjoni tad-danni" u jista' saħansitra jxejjen ir-responsabbilità tal-konvenut."*

*4.3.3 Issa f'dan il-każ, jingħad qabel xejn illi Alec Fenech huwa minuri li kellu biss sentejn u erba' xhur. Bħala minuri, il-liġi tqiegħed fuq il-ġenituri ir-responsabbiltà li jieħdu ħsiebu bid-diliġenza ta' bonus paterfamilias. Fil-jum tal-inċident, il-minuri Alec Fenech kien qiegħed fil-preżenza tan-nanna tat-tifel u (ftit iżjed 'il bogħod) ta' ommu r-rikorrenti Katya Fenech Pace. Dawn ex admissis ma ndunawx li seħħ l-inċident gravi illi fih weġġa' serjament il-minuri u kien biss meta ġibdet l-attenzjoni turista fuq il-post illi ġie rrealizzat li t-tifel kellu ġerħa serja f'saqajh. In-nanna tat-tifel Mary Anne Pace fix-xhieda li tat fl-atti tal-inkjesta fil-5 ta' Marzu 2008 qalet li membru tal-ekwipaġġ qalilha "Int hemm toqgħod bit-tfal?" u hi rrispondietu "M'hemm ebda sinjal biex ma noqgħodx hemm u messek għidtli li hemm periklu".*

*4.3.4 Għalkemm jidher li Mary Anne Best u Katya Fenech Pace ma għandhomx l-esperjenza jew jifhmu f'operazzjonijiet marittimi, ma jridx jintesa illi Alec Fenech kien dak iż-żmien tifel żgħir ta' sentejn u erba' xhur u għalhekk kellhom ukoll ir-responsabbiltà li jassiguraw li t-tifel ikun kustodit u protett. Lanqas jista' jiġi injorat il-fatt illi fl-atti tal-inkjesta, il-maġistrat inkwirenti ġibed l-attenzjoni għal dan il-fatt. Din il-kontributorjetà mhijiex tali li xxejjen ir-responsabbiltà tal-intimati (jew*

*uħud minnhom, kif se jiġi spjegat), iżda l-periti jħossu illi huwa ġust, u qed jirrakkomandaw, illi dan jiġi rifless f'mitigazzjoni tal-ħtija tal-intimati.*

*4.4 <u>Konklużjonijiet dwar responsabbiltà</u>*

*4.4.1 Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-periti għandhom dawn ir-rakkomandazzjonijiet x'jagħmlu rigward responsabbiltà:*

*4.4.1.1 L-intimat Francis Montebello bħala l-kaptan tal-bastiment, kellu l-obbligu illi jassigura illi l-lanċa tiġi operata b'mod li huwa sikur mhux biss għall-passiġġieri imma anke għal terzi li setgħu jiġu affettwati mill-istess manuvra. Għar-raġunijiet tekniċi fuq spjegati, hija l-opinjoni tal-periti sottoskritti illi huwa naqas minn dan l-obbligu;*

*4.4.1.2 Anke Nikola Borisov Kirov, għalkemm biss parti mill-ekwipaġġ u mhux il-kaptan, kellu obbligu illi jassigura sa fejn jista' illi l-operazzjoni ta' rmiġġ tkun waħda safe. Madanakollu, mill-provi mressqa l-periti ma jħossux illi hemm nuqqasijiet li jagħtu lok għal responsabbiltà f'din il-kawża. Jirriżulta illi l-intervent tiegħu fl-operazzjoni kien wieħed limitat, u li meta nduna bil-possibbiltà tal-periklu prova jwissi kemm lill-kaptan kif ukoll lin-nanna tat-tifel;*

*4.4.1.3 Kif ġie osservat iżjed 'il fuq fil-parti dwar in-natura tal-azzjoni (in rem u in personam – ara parti 3.1 ta' dan ir-rapport), il-liġi tirrikonoxxi lill-bastiment bħala leġittimu kontradittur f'kawża għal danni kaġunati minn inċident fl-operat tal-istess bastiment. Ladarba l-periti qed jikkonkludu illi kien hemm nuqqasijiet f'tali operat, il-bastiment ukoll għandu jitqies responsabbli (in rem) għall-inċident;*

*4.4.1.4 Fir-rigward tal-kumpanija Alliance Cruises Limited, mhux kontestat illi din mhijiex is-sid tal-bastiment iżda l-operatriċi kif ukoll kienet tħaddem lill-intimati Montebello. Il-periti josservaw illi Alliance Cruises Limited tista' titqies responsabbli għal culpa in eligendo jekk jintwera li assumiet impjegati li mhumiex kompetenti jew inkella jekk ikkontribwiet b'xi mod ieħor għall-inċident. Fl-opinjoni tal-periti ma jistax jingħad illi Alliance Cruises Limited impjegat xi ekwipaġġ li mhux kompetenti u għalhekk, f'dan ir-rigward, ma jistax jingħad illi kien hemm nuqqas. Madanakollu, irriżultaw nuqqasijiet fl-operat tal-bastiment (ngħidu aħna l-qagħda u l-istat tal-passarella, kif ukoll il-ħbula), li fl-aħħar mill-aħħar, għandha terfa' responsabbiltà għalihom ukoll Alliance Cruises Limited bħala operatriċi tal-lanċa u detentriċi tal-Commercial Vessels' Operators Licence relattiva;*

*4.4.1.5 Fil-każ ta' Northernreef Insurance Co SA, jekk tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni kif qed jiġi rakkomandat, ma tistax tinstab ħtija;*

*4.4.1.6 Il-periti jqisu illi dawk fost l-intimati illi jinstabu responsabbli għall-inċident, għandhom jerfgħu l-ħtija in solidum u dan in linea mal-artiklu 1050(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u kif imxiet din il-Qorti kif presjeduta f'każijiet oħra simili;*

*4.4.1.7 L-element ta' kontributorjetà diskuss fil-parti 4.3 għandu jittieħed in kunsiderazzjoni, b'dan illi fil-fehma tal-periti sottoskritti l-intimati fuq imsemmija għandhom jerfgħu in solidum bejniethom ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tar-responsabbiltà b'dan illi r-rimanenti ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) jirrifletti l-aspett ta' kontributorjetà.*

*43. Jirriżulta illi l-esperti Legali u Tekniċi, wara illi għamlu l-konsiderazzjonijet tagħhom, wasslu għas-segwenti konklużjoni:*

***5.0 RAKKOMANDAZZJONIJIET FINALI***

*5.1 Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq spjegati, l-esponenti umilment jirrakkomandaw illi l-eċċezzjonijiet intimati f'din il-kawża għandhom jiġu determinati kif ġej:*

*5.1.1 It-tieni eċċezzjoni preliminari ta' Alliance Cruises Limited u l-bastiment San Carlos II (dwar nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju) għandha tiġi miċħuda;*

*5.1.2 It-tielet eċċezzjoni preliminari ta' Alliance Cruises Limited u l-bastiment San Carlos II (dwar allegata irritwalità u nullità tal-kawża) għandha tiġi miċħuda;*

*5.1.3 Il-bqija tal-eċċezzjonijiet ta' Alliance Cruises Limited u l-bastiment San Carlos II għandhom jiġu milqugħa biss in parte sa fejn konsistenti ma' dak espost;*

*5.1.4 L-eċċezzjonijiet tal-intimat Francis Montebello għandhom jiġi milqugħa biss in parte sa fejn konsistenti ma' dak espost, b'dan illi l-ħames eċċezzjoni għandha tiġi respinta in toto;*

*5.1.5 L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tal-imsejħa fil-kawża Northernreef Insurance Co. SA għandha tiġi milqugħa u konsegwentement, l-imsejħa fil-kawża għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*5.1.6 L-eċċezzjonijiet ta' Nikolai Borisov Kirov għandhom jiġu milqugħa u konsegwentement l-intimat imsemmi għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju*

*5.2 Konsegwentement, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu determinati kif ġej:*

*5.2.1 L-ewwel talba attriċi għandha tintlaqa' b'dan illi huwa rakkomandat illi l-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li l-inċident li sofra il-minuri Alec Fenech ġara minħabba negliġenza, imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tal-baħar min-naħa tal-intimat Montebello, ta' Alliance Cruises Limited u tal-bastiment ossia lanċa San Carlos II (numru ta' reġistrazzjoni 8128);*

*5.2.2 Konsegwentement, tiddikjara illi l-intimati msemmija huma responsabbili għal ħlas ta' danni naxxenti mill-imsemmi inċidenti, b'dan però illi huwa rakkomandat illi l-intimati għandhom jerfgħu*

*responsabbiltà in solidum fi grad biss ta' ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) ;*

*5.2.3 Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont totali ta' €88,879.29*

*5.2.4 Tordna lill-intimati Montebello, Alliance Cruises Limited u l-lanċa San Carlos II in solidum bejniethom iħallsu lir-rikorrenti ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-ammont hekk likwidat, ċjoè, € 66,659.4, jew somma verjuri skont il-persentaġġ ta' responsabbiltà eventwalment deċiż mill-Qorti;*

*5.3 Rigward il-kap tal-ispejjeż, huwa rakkomandat illi l-ispejjeż jitħallsu inkwantu għal-ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) mill-intimati Montebello, Alliance Cruises Limited u San Carlos II u inkwantu għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) mir-rikorrenti, b'dan illi l-ispejjeż tal-intimat Kirov u tal-kjamata in kawża għandhom jiġu sopportati interament mir-rikorrenti;*

*Daqstant għandhom l-esponenti l-unur li jissottomettu għas-savvju ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

*44. Jirriżulta illi sussegwentement, kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimati Alliance Cruises Limited u l-bastiment MV Carlos II għamlu domandi in eskussjoni estensivi lil-Membri Teknikci u legali, illi ma biddlu xejn mis-sustanza jew konklużjonijiet tagħhom għajr illi jsaħħu l-argumenti tagħhom.*

*45. Il-Qorti, mingħajr ebda eżitazzjoni, tagħmilha ċara illi qiegħda tikkondividi l-konklużjonijet kollha illi wasslu għalihom l-esperti Tekniċi.*

*46. Madanakollu, l-Qorti tħoss illi għandha tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet ulterjuri:*

*a. L-intimati kollha donnhom qed jibbażaw d-difiża tagħhom prinċipalment fuq il-fatt illi nqata' l-cable tal-'gear selector' tal-magna bil-konsegwenza illi l-magna baqgħet ingranata b'lura, u kien għalhekk illi d-dgħajsa mxiet lura – dana l-argument, madanakollu, ma jista' qatt jiskulpa lill-intimati mir-responsabbiltà fil-kamp ċivili tal-ġrieħi serji u permanenti illi huma kkawżaw fuq tifel ta' sentejn u nofs illi kien bilqiegħda fuq ċint illi hemm aktar minn żewġ metri u nofs 'il ġewwa mit-tarf tal-moll.*

*i. Il-Qorti tikkondividi pjenament it-tħassib serju tal-Esperti Tekniċi meta jikkontendu illi huwa inverosimili illi attwalment tqatta' l-cable tal-gear selector u kkawża tali inċident.*

*ii. Il-Qorti tosserva illi cable ta' dik in-natura ma jaqbadx u jitqatta' b'mod immedjat mingħajr ebda preavviż –*

*ċertament, kieku kien minnu illi tqatta', l-Kaptan kien jinduna qabel illi t-tmexxija tal-gear selector ma kienx qiegħed ikun daqstant 'smooth' daqs kemm wieħed jippretendi illi jkun stante illi qabel ma jitqatta' 'cable', il-ħadid jibda jitqaċċat u jwebbes il-gear selector – ebda indikazzjoni ta' dan ma qatt ingħatat fix-xhieda tal-Kaptan Montebello.*

iii. *Il-Qorti tosserva wkoll illi hija kemxejn inverosimili, jekk mhux fatt ta' tħassib serju, illi dana l-'cable', li tant issemma mill-intimati bħala skuża biex jiġġustifikaw l-akkadut, qabad u nbidel mill-intimati QABEL ma ġew fuq il-post l-investigaturi mqabbda mill-Maġistrat Inkwirenti, MINGĦAJR ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti li kienet qed tinvestiga l-każ u QATT ma ngħadda lill-Esperti tal-Maġistrat Inkwirenti – il-Qorti tagħmilha ċara illi huwa ferm aktar kredibbli l-Espert tal-Qorti Vincent Ciliberti li jgħid illi qatt ma ra cable maqtugħ u qatt ma ngħadda cable milli l-verżjonijiet varji mogħtija mix-xhieda tal-intimati, stante illi l-intimati stess ma kinux lanqas kapaċi jaqblu dwar x'sar minnu dana il-cable.*

*b. L-intimati jikkontendu illi huma għamlu manuvra tajba meta daħħlu fuq il-moll, fejn l-intimat Montebello jisħaq illi huwa daqq il-'horn' tliet darbiet u pproċeda biex jattrakka.*

i. *Il-Qorti tosserva madanakollu, illi l-metodu adoperat mill-intimati sabiex jattrakka, illi huwa metodu regolarment utilizzat mid-dgħajjes ta' turisti kemm minħabba f'nuqqas ta' spazju kif ukoll minħabba fi prattiċità sabiex jerġgħu joħorġu meta jgħabbu n-nies, jimporta fuq il-kaptan livell ta' 'look out' u attenzjoni ferm ogħla minn normal, stante illi d-dgħajsa dieħla b'lura u l-viżwali illi l-kaptan għandu hija limitata stante illi t-tmun tad-dgħajsa jinsab fuq quddiem u din hija dgħajsa ta' ftit anqas minn 16-il metru, ossia ftit aktar minn ħamsin pied.*

ii. *Il-Qorti tosserva wkoll illi, filwaqt illi jirriżulta mix-xhieda tal-kaptan Montebello u l-baħri Kirof, illi huma l-ewwel rabtu l-pruwa, kif dejjem isir f'tali operazzjoni, u sussegwentement bdew idaħħlu d-dgħajsa biex tidħol b'lura, jidher illi, għalkemm marbuta minn quddiem, l-irbit fuq quddiem kien tali illi, meta mxiet b'lura d-dgħajsa, setgħet tibqa' dieħla b'mod illi l-passarrella tad-dgħajsa, illi suppost tinżel ftit piedi 'l hinn mit-tarf tal-moll biex jitħallew jinżlu n-nies, attwalment baqgħet dieħla ferm aktar u mxiet il-wiesa' kollu tal-moll, li ritratt jidher a fol 149 tal-proċess u li kien stabbilit mill-esperti tal-Qorti li kien ta' 2.56 metri, ossia kważi tmien piedi u nofs, u għaffġet sieq il-leminija tal-minuri Alec*

*Fenech illi kien bilqiegħda fuq iċ-ċint illi jinsab f'tarf il-moll u jiddividi l-moll mill-bankina fejn jimxu n-nies – kieku l-irbit ta' fuq il-pruwa kien tali illi twaqqaf id-dgħajsa milli tkompli titkaxkar 'il ġewwa, kieku d-dgħajsa kienet tieqaf f'distanza mill-moll tali illi l-passarella qatt ma kienet tolqot iċ-ċint illi hemm f'tarf il-moll bir-riżultat illi tgħaffeġ sieq il-minuri Alec Fenech li kien bilqiegħda b'saqajh fuq iċ-ċint.*

*c. L-intimati jikkontendu wkoll illi kienet l-akkadut kien responsabbiltà ta' omm ir-rikorrenti, ossia n-nanna ta' Alec Fenech, jiġifieri Mary Anne Pace, illi seħħ l-inċident, stante illi għalkemm il-minuri kien taħt ir-responsabbiltà tagħha, hija naqset milli tieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa hekk kif rat id-dgħajsa dieħla – il-Qorti tosserva illi l-intimati għandhom kull dritt illi jippretendu li tifel ta' sentejn u nofs ikun taħt il-kontroll ta' persuna responsabbli.*

*i. Il-Qorti tosserva illi jirriżulta li Mary Anne Pace stqarret illi hija rat id-dgħajsa ġewwa fuq il-moll u rat il-passarella ġejja għal fuq il-moll fejn kien il-minuri Alex Fenech.*

*ii. Il-Qorti tosserva wkoll illi għalkemm rat id-dgħajsa dieħla u għalkemm rat il-passarella tiċċaqlaq u n-nies neżlin, ma għamlet ebda tentattiv sabiex iċċaqlaq lit-tifel minuri, li ma kienx viċin tagħha dak il-ħin, minn żona fejn kien ċar illi seta' kien hemm xi perikolu għalih.*

*iii. Il-Qorti tosserva, finalment, illi l-minuri ma seta' qatt japprezza u jifhem il-perikolu illi seta kien fih dak il-mument, u kien seta' għal Mary Anne Pace illi tassikura ruħha li, f'dawk iċ-ċirkostanzi, il-minuri kienu l-bogħod mill-perikolu, liema obbligu hija naqset milli tassikura, u għalhekk għandha terfa' parti mir-responsabbiltà tal-akkadut.*

***Danni***

*47. Jirriżulta illi l-Esperti mqabbda mill-Qorti, fir-rapport estensiv u erudit tagħhom, għamlu l-konstatazzjonijiet tagħhom dwar danni, abbażi tal-provi kif prodotti quddiem dina l-Qorti kif ukoll quddiemhom.*

*48. Jirriżulta illi huma għamlu s-segwenti osservazzjonijiet:*

***4.5 Likwidazzjoni ta' danni***

*4.5.1 Introduzzjoni*

*4.5.1.1 Il-periti sejrin issa jgħaddu biex jagħtu r-rakomandazzjonijiet tagħhom rigward il-kalkolu ta' danni. Naturalment, dan il-kalkolu għandu*

*mbagħad jitqies jew jiġi varjat anke fid-dawl ta' dak li tiddeċiedi l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-ispartizzjoni ta' responsabbiltà.*

*4.5.1.2 Fir-rigward tal-kalkolu ta' danni huwa paċifiku illi hemm żewġ xorta ta' danni li jistgħu jintalbu, u fil-fatt qegħdin jintalbu f'dan il-każ, u ċjoè damnun emergens u lucrum cessans. Dawn se jiġu trattati fl-istess ordni*

*4.5.2 <u>Damnum emergens</u>*

*4.5.2.1 Inkwantu għal damnum emergens ir-rikorrenti kien ressqu prospett ta' danni mmarkat bħala Dok B li minnu jirriżultaw riċevuti għal spejjeż mediċi u spejjeż biex jiġbru kopja tal-proces verbal. Dawn iwasslu għal total ta' €2,077.29 li hija somma raġonevoli u l-periti jirrakkomandaw li t-talba għall-ħlas tagħha tintlaqa';*

*4.5.2.2 Il-periti madanakollu ma jaqblux illi għandu jiddekorri l-imgħax fuq din is-somma mid-data tal-irċevuti. Huwa risaput illi in illiquidis non fit mora. Issa għalkemm prova ta' dawn l-ispejjeż reklamati nġabet in atti fi stadju bikri, it-talba fir-rikors promotur hija għal somma li għadha mhix likwidata, u għalhekk l-ispejjeż imsemmija għandhom jitqiesu jagħmlu parti minn tali somma.*

*4.5.2.3 Taħt dan il-kap, ir-rikorrenti qegħdin ukoll jitolbu li tiġi likwidata somma arbitrio boni viri biex tkopri l-ispejjeż żejda nkorsi kull meta jinxtara żarbun għal Alec Fenech. Dan għaliex minħabba l-inċident, il-qisien tal-pali ta' sieq))u huma differenti u għalhekk kull darba li jixtri żarbun ikollu jixtri żewġ pari. Il-fatt dwar il-qisien tas-saqajn huwa konfermat mir-rapporti mediċi u l-ġenituri tat-tifel xehdu li jixtru pari doppji. Madanakollu ma jirriżultax illi tressqu xi rċevuti, almenu ta' żraben mixtrijin s'issa fil-kors tas-smiegħ. Barra minn hekk, hija l-umli opinjoni tal-periti illi talbiet għal spejjeż futuri m'għandhomx jinkwadraw taħt il-kap ta' damnun emergens.*

*4.5.3 <u>Lucrum cessans</u>*

*4.5.3.1 B'rabta mal-lucrum cessans, il-Qrati nostrani jimxu fuq kalkolu ta' xeħta matematika, li kien ġie stabbilit fil-kawża ewlenija '**Michael Butler v. Peter Christopher Heard**' u li matul is-snin ġie adattat għaż-żminijiet iżjed reċenti. L-aħħar tendenzi huma fil-fatt illi l-Qrati ma jkunux marbutin b'sistemi tant riġidi biex jassiguraw li sseħħ restitutio in integrum. Madanakollu, biex jassiguraw oġġettività, is-sentenzi għadhom iżommu bħala punt tat-tluq il-multiplier system b'dan illi ammont li jirrappreżenta l-paga li l-vittma kien mistenni li jipperċepixxi li kieku ma seħħx l-inċident tiġi multiplikata bi stima tan-numru ta' snin ta' ħajja lavorattiva (il-multiplier) u bil-persentaġġ jew grad ta' diżabbiltà kkawżati mill-inċident. Mis-somma hekk likwidata imbagħad, jista' jkun hemm lok ta' tnaqqis ngħidu aħna dak li jissejjaħ lump sum deduction.*

*4.5.3.2 Applikati dawn il-prinċipji għall-każ ta' quddiemhom, il-periti umilment iressqu dawn is-sottomissjonijiet:*

- *Paga annwali*

*4.5.3.3 Alec Fenech twieled fit-8 ta' Novembru, 2005 u għalhekk kellu sentejn u erba' xhur meta seħħ l-inċident. Fenech għadu sal-lum minuri. Kif jaċċettaw ir-rikorrenti stess dan jagħmilha diffiċli li wieħed jasal għal paga annwali ġusta għall-iskopijiet ta' dan il-kalkolu għaliex huwa kmieni biex wieħed ibassar x'ġejjieni se jkollu Alec Fenech fuq il-lant tax-xogħol jew fid-dinja professjonali . Ir-rikorrenti josservaw minn nota tagħhom illi meta wieħed iqis l-ambjent li trabba fih il-minuri u l-edukazzjoni li jirċievi, wieħed jista' jistenna li jsib xogħol li jirrendi. Isemmu wkoll li li kieku ma kienx għall-inċident, Fenech kien seta' jkun plejer tal-football. Dawn però jibqgħu suppożizzjonijiet.*

*4.5.3.4 Il-periti qiesu xi deċiżjonijiet tal-Qrati li jistgħu jitfgħu dawl fuq dan. Hekk, fi '**Stivala proprio et nomine v. Dimech et'**, fejn il-vittma kellu ħames snin (5) meta seħħ l-inċident u għoxrin (20) sena meta ġiet deċiża l-kawża, il-Qorti qieset l-paga minima fid-data tas-sentenza (€162.19) iżda żiditha għal € 200 fil-ġimgħa "biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet tul iż-żmien". F''**David Joseph Meli v. Francis Zarb Adami**', il-vittma kellu tmintax-il (18) sena meta seħħ l-inċident fl-2002 u dak iż-żmien kien student tal-liġi. F'dak il-każ, il-Qorti qieset "dħul medju ta' avukat ta' kapaċità normali" (€ 35,000).*

*4.5.3.5 Fil-każ preżenti, għalhekk, soluzzjoni tista' tkun illi wieħed iqis il-paga minima nazzjonali. Madanakollu, l-periti jħossu illi dan ma jkunx ġust li jitqies dak li huwa proprju l-minimu li ħaddiem għandu jaspira għalih. Dan tenut kont ukoll li l-multiplier system diġà minnu nnifsu jqis iċ-chances and changes of life li għalhekk ikomplu jnaqqsu l-ammont likwidat.*

*4.5.3.6 Il-periti sottoskritti josservaw illi l-paga minima għas-sena 2018 hija ta' €172.51 fil-ġimgħa (u għalhekk ċirka €9000 fis-sena). Ma' għeluq sena fl-impieg mal-istess prinċipal, l-impjegati jkunu intitolati għal żieda mandatorja ta' €3 kull ġimgħa, u ma' għeluq it-tieni sena fl-impieg, għal żieda addizzjonali ta' €3 oħra kull ġimgħa. Dan minbarra bonuses. L-atturi min-naħa tagħhom jissuġġerixxu li titqies somma ta' €385 fil-ġimgħa – ċjoè total ta' € 20,020 fis-sena. Dan skont l-atturi, huwa ġust għaliex huwa wkoll qrib ta' dik li kienet il-medja ta' net earnings ta' ħaddiem f'Malta skont statistiċi Eurostat għall-2015, liema paga medja kienet ta' kważi €20,000.*

*4.5.3.7 Fid-dawl ta' dak li ntqal, il-periti jissottomettu illi l-paga għall-iskopijiet tal-kalkolu għandha tkun sostanzjalment iżjed minn dik li hi preżentement il-paga minima u dan sabiex toqrob iżjed lejn dik li hija l-paga medja. Mill-banda l-oħra, tenut kont tal-kalkoli iżjed konservattivi li jidhru li huma segwiti mill-Qrati, l-esponenti jħossu illi s-somma ta' € 385 fil-ġimgħa suġġerita mill-atturi hija għolja wisq. Għalhekk jissuġġerixxu illi l-kalkolu jsir fuq somma ta' sbatax-il elf ewro (€17,000) fis-sena li hija ekwivalenti għal ftit iżjed minn €325 fil-ġimgħa.*

*• Multiplier*

*4.5.3.8 Fin-nota tagħhom, l-atturi jsostnu illi multiplier ġust ikun ta' disa' u erbgħin (49) sena u dan biex jirrifletti perjodu ta' ħajja lavorattiva minn sittax (16) sa ħamsa u sittin (65) sena. Huwa paċifiku però illi:*

*Normalment f'każijiet bħal dawn m'għandux isir sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar, u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident... iżda l-multiplier irid jinkorpora ġo fih dak l-element ta' chances and changes of life or vicissitudes of life. Il-kunċett ta' chances and changes of life ġie introdott biex proprju jiġġustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bażi tal-prinċipju li ħadd ma jaf il-futur u, għalhekk persuna tista' tgħix sa età avvanzata, il-ħajja tgħallimna mod ieħor. Isegwi li l-working life expectancy m'għandux jiġi kkunsidrat kollu għal fissazzjoni tal-multiplier. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawża fl-ismijiet **Gauci v. Bugeja**, deċiża fis-27 ta' Novembru, 2009). F'dan is-sens ukoll... il-kawża fl-ismijiet **Anthony Turner et v Francis Agius** deċiża fit-28 ta' Novembru, 2003*

*4.5.3.9 Fis-sentenza **Stivala v. Dimech et,** ġa kwotata aktar kmieni, din il-Qorti kif diversament presjeduta mxiet fuq massimu ta' multiplier ta' ħamsa u tletin (35) sena. Min-naħa l-oħra, din il-Qorti kif preseduta, f'deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Diċembru, 2017 fl-ismijiet **Kravchenko v. Micallef et** fejn il-vittma kellha sbatax-il sena fid-data tal-inċident, imxiet fuq multiplier ta' sebgħa u tletin (37) sena, illi l-periti umilment iħossu illi jkun ġust anke f'dan il-każ.*

*• Persentaġġ ta' diżabbiltà*

*4.5.3.10 Mr. Massimo Abela, espert imqabbad mill-Qorti, iddetermina fir-rapport tiegħu illi r-rata ta' diżabbiltà permanenti li ġarrab Alec Fenech hija ta' ħmistax fil-mija (15%). Dan jirriżulta mir-rapport tiegħu (a fol 373 sa 378 tal-proċess). Huwa kompla jsostni din il-pożizzjoni anke waqt kontroeżami li sarlu f'seduta tat-18 ta' Ġunju, 2015. Għandu jingħad illi dan il-persentaġġ jaqbel ukoll ma' dak indikat mill-espert mediku ex parte Charles Grixti (Dok AF 2 mar-rikors maħluf). Fiċ-ċirkostanzi għalhekk jidher illi din ir-rata hija waħda attendibbli.*

*• Lump sum deduction*

*4.5.3.11 Fis-sentenza fuq ċitata ta' Kravchenko din il-Qorti osservat kif ġej dwar lump sum payment:*

> *79.3.4. ... issir referenza għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Annunzjata sive Nancy Caruana v. Odette Camilleri,** datata s-27 ta' Frar, 2004, li rribadiet li: "... għall-finijiet tat-tnaqqis minħabba lump sum payment id-dekors taż-żmien għandu jibda jiġi kalkolat minn meta tiġi intavolata l-kawża relattiva u mhux minn meta javvera ruħu l-inċident ukoll relattiv;*
>
> *79.3.5. Illi di più, fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Joseph Agius et v. All Services Limited**, datata t-2 ta' Ġunju, 2005, ġie ritenut is-segwenti: "F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas*

*f'daqqa ("lump sum payment") lill-benefiċċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar min sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża";*

*79.3.6. Illi jirriżulta li l-proċedura odjerna ġiet intavolata fit-8 ta' Ottubru, 2009, (ara fol 1);*

*79.3.7. Illi l-istess ser issa tiġi deċiża f'Diċembru, 2017, (ara fol 852);*

*79.3.8. Illi għalhekk, tenut kont tal-istess għandu jkun hemm tnaqqis ta' 8%;*

*4.5.3.12 Abbażi tal-istess prinċipji, il-periti umilment jissottomettu illi: - Din il-kawża nfetħet fl-2010 - L-ewwel sentejn allura naturalment għaddew fl-2012 - Minn dak iż-żmien għaddew sitt snin, u għalhekk għandu jkun hemm tnaqqas ta' (20% - 12%) jiġifieri tnaqqis ta' tmienja fil-mija (8%)*

*4.5.4 <u>Konklużjonijiet dwar danni</u>*

*4.5.4.1 Illi għalhekk, id-danni totali li qed jirrakkomandaw il-periti huma kif ġej:*

| | |
|---|---|
| *Inkwantu għal damnum emergens:* | *€ 2,077.29* |
| *Inkwantu għal lucrum cessans:*<br>*€ 17,000 x 37 (sena) x 15% (diżabbiltà)* | *€ 94,350* |
| *8% ta' € 94,350* | *€ 7,548* |
| *Total Lucrum Cessans:* | *€ 86,802* |
| *Ħsarat Totali:* | *€ 88,879.29* |

*4.5.4.2 Kif ġa ntqal, dawn il-ħsarat totali, jekk taqbel magħhom din l-Onorabbli Qorti, għandhom imbagħad jiġu spartiti skont kif tiddeċiedi din l-Onorabbli Qorti dwar responsabbiltà*

*49. Il-Qorti, wara illi qieset il-konklużjonijet milħuqa mill-Esperti Tekniċi u l-konsiderazzjonijet minnhom magħmula sabiex waslu għal tali konsiderazzjoni, tqis illi huwa ġust illi tikkonsidrahom bħala tagħha għajr għal dak illi ser jingħad aktar 'l isfel.*

*50. Jirriżulta illi, l-Artikolu 1045(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi li*

*"il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha ... hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-*

*paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib."*

*51. Jirriżulta illi s-subartikolu (2) ikompli jgħid li:*

*"Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u b'mod partikolari, x-xorta u grad ta' inkapaċità kkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati ħsara."*

*52. Jirriżulta illi fil-każ* ***Joseph Zammit v. Joseph Bonello et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Frar 2016, il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar tali tipi ta' danni:*

*"Skont il-Liġi tagħna, il-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qligħ futur (lucrum cessans). Illi tali regoli ġew supplementati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija "**Michael Butler v. Peter Christopher Heard**" – A.C. deċ. fit-22 ta' Diċembru 1967, li tat l-oriġini għalhekk imsejħa multiplier system, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet aktar eċċenti peress li, kif intqal fil-kawża "**Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri et**" – A.C. deċ. fis-16 ta' Novembru 1983, "iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu." Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'**Butler vs Heard**. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-Liġi – **"Savona v. Asphar"** App. Deċiż fit-23 ta' Ġunju 1952; u li "għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut." ("**Emanuel Mizzi v. Carmel Attard**":- 13.5.2003); u li "dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni inkwistjoni huwa wieħed ta' probabbiltà. Inoltre d-danneġġat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għall-ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà." – "**Francis Sultana v. John Micallef et noe et"** – Appell deċiż fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-każ "**Paul Debono v. Malta Drydocks**" P.A. deċiża fis-27 ta' April 2015, intqal: "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-Liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad tal-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja."*

*53. Jirriżulta illi dwar il-kwistjoni ta' multiplier, fl-istess kawża fuq indikata, il-Qorti kellha dan xi tgħid:*

*"Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata d-danneġġat jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati Tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala:*

> *"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."*

*(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).*

*Għalhekk ġie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-każ "***Paul Vassallo et noe v. Carmelo Pace***" Appell deċiż fil-5 ta' Marzu 1986) ġie ribadit li :*

> *"In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettativa tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu inkonsiderazzjoni ċ-'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier ġie definit kif ġej:*

> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228).*

*Ġie stabbilit li l-mulitplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi, (App. Ċiv. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet* **Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri***) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.*

*Dwar il-qies tal-multiplier ikun xieraq li wieħed jagħmel referenza wkoll għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li:*

> *"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants … There must also be a discount for the uncertainties of life … discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death..." (Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, paġ.53).*

*54. Jirriżulta, finalment, illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis tal-Lump Sum Payment, il-Qorti trid tagħmel referenza għas-sentenza reċenti mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri fil-każ '**Joseph Bonanno v. Malta Freeport Termonals Limited'** deċiża fis-27 ta' Marzu 2020, fejn il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar tnaqqis f'każ simli għal dan:*

> *"Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, meqjus il-fatt li l-kawża ġiet intavolata fis-sena 2010, konsidrat il-fatt li ser tingħata sentenza finali f'dan il-każ wara għaxar snin, tqis opportun li ma jsirx dan it-tnaqqis.*
>
> *Wara kollox meta titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li għaddiet minn dakinhar li nfetħet il-kawża (29 ta' April 2010) sa dakinhar li tingħata s-sentenza finali, ma jibqa' l-ebda perċentwal x'jitnaqqas. Fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Turner et v. Francis Agius et**, deċiża fit-28 ta' Novembru 2003, ġie osservat li meta bħal dan il-każ l-azzjoni, ddum tant li tieħu trapass twil ta' żmien sa meta tingħata s-sentenza finali, dan "għandu jimmilita kontra l-applikazzjoni ta' tnaqqis għal fini ta' 'lump sump payment". Kwindi fil-fehma tal-Qorti m'għandu jsir ebda tnaqqis għall-fini ta' "lump sum payment".*

55*. Applikati dawna l-prinċipji kif ukoll il-konklużjonijet milħuqa mill-abbli esperti tal-Qorti, il-Qorti tgħaddi biex tagħmel is-segwenti komputazzjonijiet għall-fini ta' danni dovuti:*

*a. **Damnun Emergens**:= € 2,077.29*

*b. **Lucrum Cessans** € 17,000 x 37 (sena) x 15% (diżabbiltà) = € 94,350*

*56. Jirriżulta illi ebda tnaqqis ma għandu jiġi meqjus tenut kont tal-fatt illi l-kawża bdiet aktar minn għaxar snin ilu.*

*57. Jirriżulta illi filwaqt illi l-baħri Nichola Borisof Kirof ma jaħti ebda responsabbiltà għall-inċident meritu tal-kawża odjerna, l-intimati Francis Montebello, Alliance Cruises Limited u Dr James Pace bħala Kuratur Deputat tal-bastiment "MV San Carlos II" għandhom jinżammu solidament bejniethom responsabbli għall-akkadut.*

*58. Jirriżulta, madanakollu, illi tali responsabbiltà għandha tirrifletti wkoll ir-responsabbiltà kontributorja li għandha tintrefa' wkoll mir-rikorrenti, in parte, in vista tan-nuqqas ta' Mary Anne Pace, ġa Best, illi tieħu ħsieb it-tifel minuri ta' bintha, ossija Alec Fenech, liema responsabbiltà għandha tiġi assunta, kwantu għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) mir-rikorrenti stess, u ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) mill-intimati fuq indikati, u għalhekk l-ammont tal-Lucrum Cessans għandu jitnaqqas sabiex jirrifletti tali responsabbiltà kontributorja.*

*59. Jirriżulta, għalhekk, illi l-ammont likwidat ta' Lucrum Cessans għandu jkun ta' sebgħin elf,* ***seba' mija u tlieta u sittin ewro (€70,763)***

*60. Jirriżulta illi s-soċjetà Northernreef Insurance Co. SA qatt ma messha ġiet imsejħa fil-kawża mir-rikorrenti u dana stante illi qatt ma ġew interpellati fiż-żmien prefiss mil-Liġi u għalhekk l-azzjoni kontra tagħhom kienet preskritta, kif korrettement eċċepit mill-Kuraturi Deputati appuntanti biex jirrappreżentaw l-interessi ta' tali assikurazzjoni.*

*61. Finalment, għal dak illi jirrigwarda spejjeż legali, dawna għandhom jiġu sopportati bl-istess persentaġġ tar-responsabbiltà kif fuq stabbilit, salv għall-ispejjeż tal-Kjamat in Kawża Northernreef Insurance Co. SA, illi għandhom jibqgħu a kariku esklussiv tar-rikorrenti.*»

15. Il-konvenut Francis Montebello appella minn din is-sentenza permezz tar-rikors tal-appell tiegħu tat-3 ta' Lulju, 2020, fejn talab li s-sentenza appellata tiġi revokata, imħassra u kkanċellata, sabiex minflok din il-Qort tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet tal-atturi fil-konfront tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

16. Min-naħa l-oħra, l-atturi filwaqt li wieġbu għall-appell prinċipali mressaq mill-konvenut Montebello fejn talbu lil din il-Qorti tiċħad l-imsemmi appell tal-konvenut, ressqu wkoll appell inċidentali, fejn talbu lill-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Ġunju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dan billi: (i) filwaqt li tiġi kkonfermata s-sentenza appellata sa fejn iddikjarat lil Francis

Montebello, Alliance Cruises Limited u Dr. James Pace *nomine* responsabbli għall-inċident; (ii) tbiddel il-bqija tas-sentenza appellata sabiex minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-konvenuti kollha, kif ukoll fil-konfront tal-imsejħa fil-kawża u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu danni f'ammont ogħla minn dak likwidat u tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu d-danni lill-atturi; u (iii) bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti.

17. Il-konvenut Paul (*recte*: Francis) Montebello wieġeb għall-appell inċidentali permezz ta' tweġiba tad-19 ta' Ottubru, 2020 billi talab lil din il-Qorti tiċħad l-appell imressaq mill-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

18. Il-kuraturi deputati bħala rappreżentanti tal-kumpanija Nothernreef Insurance Co. SA. ressqu r-risposta tagħhom kemm għall-appell ewlieni, kif ukoll għall-appell inċidentali fil-15 ta' April, 2021, fejn talbu li s-sentenza appellata tiġi kkonfermata sa fejn ddeċidiet li l-azzjoni attriċi kienet preskritta fil-konfront tal-imsejħa fil-kawża.

19. Dr. James Pace bħala kuratur deputat tal-lanċa "San Carlos II" u ta' Alliance Cruises Limited wieġeb b'risposta tas-26 ta' Lulju, 2021 għall-appell inċidentali tal-atturi, fejn talab li l-appell inċidentali tal-atturi jiġi miċħud bl-ispejjeż.

20. Inżamm smigħ fl-1 ta' Frar, 2024, fejn l-appell ewlieni ta' Francis Montebello ġie dikjarat deżert. L-avukat difensur tal-atturi ċeda l-atti tal-kawża fil-konfront tal-istess Francis Montebello fl-istess seduta. Għalhekk il-kawża baqgħet għat-trattazzjoni dwar l-appell inċidentali għall-11 ta' April, 2024.

21. Fl-udjenza tal-11 ta' April, 2024, il-partijiet trattaw l-appell inċidentali u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

22. Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Konsiderazzjonijiet:**

23. Din hija kawża dwar inċident li seħħ fl-4 ta' Marzu, 2008, li fih safa' mweġġa' tifel ta' sentejn u nofs, iben l-atturi, hekk kif kien bilqiegħda fuq iċ-ċint li jagħti għal fuq il-moll tal-Ferries f'Tas-Sliema, wara li l-lanċa bl-isem "San Carlos II" misjuqa mill-konvenut il-Kaptan Francis Montebello, bl-għajnuna tal-konvenut l-ieħor Nikola Borisov Kirov, li kienet qiegħda tiġi rmiġġata mal-moll, baqgħet riesqa lura viċin il-moll, bil-konsegwenza li l-passarella li tintuża mill-passiġġieri għaffġet sieq it-tifel. Dan wassal sabiex it-tifel ġarrab ġrieħi gravi f'siequ li wasslu għal diżabbiltà permanenti.

24. L-appell inċidentali tal-atturi jissejjes fuq erba' aggravji ewlenin, ċjoè: (i) il-mod ta' kif l-Ewwel Qorti qasmet ir-responsabbiltà tal-inċident; (ii) li l-konvenut Kirov ma kellux jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju; (iii) li l-*multiplier* imħaddem kien baxx wisq; u (iv) li l-kumpanija kjamata fil-kawża ma kellhiex tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

25. Ngħaddu issa biex nibdew nistħarrġu l-**<u>ewwel aggravju</u>**. L-atturi jikkontestaw il-mod kif inqasmet ir-responsabbiltà tal-inċident. Jgħidu li filwaqt li fil-parti deċiżorja tas-sentenza appellata ġie dikjarat li l-konvenuti Montebello, Alliance Cruises Limited u Dr. James Pace *nomine* huma responsabbli għall-inċident solidalment bejniethom u r-responsabbilità għall-istess incident tiġi mixħuta kollha fuqhom (u mhux f'parti biss) meta wieħed imur għall-ammont ta' danni likwidati, l-Ewwel Qorti qieset li dawn kellhom iġorru tliet kwarti mid-danni. Dan wara li l-Ewwel Qorti qieset li parti mir-responsabbilità kienet tan-nanna tal-minuri minħabba negliġenza kontributorja għal dak li ġara.

26. Jissoktaw jgħidu li l-Ewwel Qorti naqset milli tħaddem il-prinċipji li jirregolaw in-negliġenza kontributorja u/ jew għamlet apprezzament żbaljat tal-provi mressqa. Jingħad mill-appellanti li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra, li sabiex tiġi ppruvata n-negliġenza kontributorja, huwa meħtieġ li tiġi ppruvata l-prevedibbilità (*foreseeability*) tal-inċident. L-atturi

jisħqu li l-inċident ma kienx prevedibbli għan-nanna tat-tifel, sempliċement għaliex hi u t-tifel kienu bilqiegħda fuq ċint li jagħti għall-fuq il-moll li huwa post pubbliku li jżuruh bosta nies. Jinsistu li l-inċident ġara f'ħakka t'għajn, tant li n-nanna lanqas indunat li l-passarella kienet laqtet sieq it-tifel, li jixhed il-mod għall-għarrieda u l-ħeffa li bih ġraw l-affarijiet. Il-kaġun dirett tal-inċident kien il-fatt li l-passarella li normalment titniżżel mal-art fuq il-moll kienet maqtugħa mill-art, tant li laqtet it-tifel li peress li kien għadu żgħir kellu saqajh maqtugħa sew mill-art tal-moll - fatt li għamel l-inċident aktar diffiċli sabiex wieħed jobsor li l-passarella (li normalment tkun mal-art) ser tolqot riġlejn it-tifel. Hekk ukoll, il-fatt li l-inċident seħħ wara li kien lest l-irmiġġ u wara li niżlu t-turisti minn fuq il-lanċa kien jagħmilha aktar diffiċli li wieħed jipprevedi li l-lanċa ser tersaq lura, peress li rriżulta wkoll li ma kinitx marbuta sew. Jisħqu li n-nanna ma għamlet l-ebda manuvra li kkawża l-inċident, iżda kien il-kaptan li kellu l-obbligu li jagħmel ċert li jara li l-irmiġġ tal-lanċa iseħħ mingħajr ma joħloq periklu lil ħaddieħor.

27. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tindirizza l-**<u>ewwel aggravju</u>** tal-atturi appellanti inċidentalment, fejn jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, li fil-kap tar-responsabbilità, ġie deċiż li l-konvenuti Montebello, Alliance Cruises Limited u Dr. James Pace, bħala kuratur tal-bastiment "San Carlos II" huma responsabbli għall-inċident solidalment bejniethom, iżda mbagħad jingħad li naqset mill-ammont ta' danni likwidati wara li qieset li

Mary Anne Best (n-nanna) kienet ikkontribwiet (permezz tan-negliġenza kontributorja) għal dak li ġara lit-tifel.

28. Huwa minnu li fil-parti deċiżorja tas-sentenza ma jingħadx li l-konvenuti hemm imsemmija, qegħdin jinżammu responsabbli għall-inċident <u>f'parti</u> (u allura wieħed jista' forsi jaħseb li r-responsabbiltà għall-inċident ġiet mixħuta għalkollox fuq dawk il-konvenuti). Iżda minn qari tas-sentenza, huwa tabilħaqq ċar li l-Ewwel Qorti fl-eżami tad-difiża tal-konvenuti, fosthom dik ta' Alliance Cruises Limited u ta' Dr. James Pace, bħala kuratur tal-bastiment "San Carlos II", sabet li kien hemm ukoll ħtija kontributorja ta' Mary Anne Pace (*recte*: Best) għall-imsemmi inċident. Konsegwentement, l-Ewwel Qorti qablet mal-fehmiet tal-esperti tekniċi (li filwaqt li osservaw li l-maġistrat inkwirenti ġibed l-attenzjoni għal dan il-fatt, daħlu fil-mertu ta' din id-difiża u qiesu xieraq li jkun hemm mitigazzjoni tal-ħtija tal-konvenuti), u għaddiet sabiex f'paragrafu 46 c tas-sentenza appellata, fissret għala tat raġun f'parti lill-konvenuti, dwar din il-materja ta' kontributorjetà, kif ukoll f'paragrafu 58 fissret kif kellu jitnaqqas l-ammont ta' danni marbuta ma' perċentwal tar-responsabbiltà. Il-parti deċiżorja tas-sentenza bilfors tinftiehem sew fl-imsemmi kuntest.

29. Jiġi nnutat li eċċezzjoni ta' kontestazzjoni ta' responsabbiltà għall-inċident fuq bażi ta' kontributorjetà ta' terz hija eċċezzjoni fil-mertu u mhix xi waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-**Artikolu 730 tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li teħtieġ li tiġi deċiża b'kap għalih qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu, li tista' twassal sabiex sentenza tiġi annullata. Wara kollox, saħansitra f'dawk il-każijiet imsemmija f'dak il-provvediment tal-liġi, eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ma tintlaqax jekk jitqies li s-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha (ara **Artikolu 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).** Għalkemm forsi kien ikun aħjar, li kieku fil-parti deċiżorja tas-sentenza ngħad li kienet qiegħda tintlaqa' dik l-eċċezzjoni f'parti, jibqa' l-fatt li l-Ewwel Qorti semmiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u ħadet deċiżjoni dwarhom minbarra li tat raġuni l-għala kienet qiegħda tagħmel hekk. Għalhekk ħadet konjizzjoni tagħhom u ma ħallithomx barra.

30. Niġu issa għad-difiża tal-kontributorjetà nnifisha, li għaliha jgħodd l-**Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili,** li bis-saħħa tiegħu n-negliġenza tal-parti li tbati l-ħsara tnaqqas mill-ħtija tad-danneġġant. Kif osservat fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Johnathan Abela nomine v. Maria Spiteri***, mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra (ara App. Ċiv. 20.1.1964 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Galdes v. Victor Micallef***), u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti (ara P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Bugeja v. Dennis Agius***). Jista' għalhekk

ikun li l-kontributorjetà għall-ħsara tkun tali li tkun għalkollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara (ara P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech v. Rook Construction Ltd et***). Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjetà tal-persuna mġarrba, jew f'dan il-każ ta' terza persuna, trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha.

31. Meta nħaddmu dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, jirriżulta li kien hemm tliet persuni adulti li kienu preżenti waqt l-inċident li xehdu bosta drabi u taw verżjonijiet differenti ta' dak li ġara f'din il-kawża, jiġifieri Mary Anne Best (in-nanna tat-tifel li weġġa'), il-Kaptan Francis Montebello u l-baħri Nikola Borisov Kirov, l-aħħar tnejn konvenuti fil-kawża. Minkejja l-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar il-kontributorjetà ta' Mary Anne Best, din tal-aħħar mhix parti fil-kawża.

32. Mir-rapport tal-Ispettur Anne Marie Micallef, jirriżulta li Francis Montebello *a tempo vergine* ma qal xejn dwar il-pożizzjoni tat-tifel, ħlief li f'xi ħin aċċidentalment intlaqat it-tifel. Mentri l-baħri Nikola Borisov Kirov qal lill-Pulizija:

> *«x'ħin kienu deħlin bil-lanċa ra mara b'tifel żgħir ħdejha, beda jagħjtilha sabiex tersaq minn hemm u twarrab minn wara l-lanċa.»*

Filwaqt li kunsidrat l-istat ta' xokk li kienet tinsab fih, il-Pulizija ma kellmux lin-nanna tat-tifel mal-ewwel, iżda aktar tard fl-istess ġurnata. Fir-rapport (f'paġna 53 tal-atti) jingħad:

> *«Illi meta l-Pulizija aktar tard marret sabiex tkellem lin-nanna tat-tifel u ċjoè, Maryanne Pace, bint Ronald Best u Violet Bickle,…stqarret li* ***hi flimkien man-neputi tagħha Alec kienu qegħdin bilqiegħda fuq ċint li jiġi fuq il-moll u fejn ma kien hemm l-ebda tabella tindika li ma setgħux joqogħdu hemm.*** *Pace kompliet tgħid li hi fl-ebda ħin ma kienet indunat li t-tifel kien intlaqat, ħlief meta beda jibki u ħaditu ħdejn ommu.»* (enfasi ta' din il-Qorti)

33. L-għada tal-inċident, mix-xhieda tal-imsemmija Mary Anne Best quddiem l-espert tekniku Vincent Ciliberti, maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti, jirriżulta li ngħad hekk minnha (ara fol. 77):

> *«Naf li jien kont fuq il-moll bit-tfal, it-tifla resqet aktar viċin id-direzzjoni ta' omma, u jien bqajt ħdejn it-tifel.*
>
> *F'ħin minnhom waslet lanċa li ġġorr it-turisti, ġiet bid-direzzjoni bil-poppa lejn il-moll, niżżlet gangway li baqgħet merfugħa circa tletin (30) ċentimetru 'l fuq mill-wiċċ tal-moll, niżlu tliet turisti minn fuq il-gangway u niftakar ċar illi dawn kellhom jinżlu speċi ta' tarġa min fuq il-gangway għal fuq il-moll, u x'ħin niżlu t-turisti stajt nosserva li l-magni tal-lanċa tħaddmu b'aktar veloċità.*
>
> *Deher li l-baħar beda jidher li qiegħed jitqalleb kaġun tal-effett tal-magni, u smajt lil raġel li naf li kien parti mill-crew u li kien fuq il-lanċa jgħajjat 'żul minn hemm' u qbadt lit-tifel u ressaqtu billi erfajtu fuq idi, però smajt lit-tifel jibki u mort fid-direzzjoni ta' binti.*
>
> *...avviċinani membru tal-crew li beda jgħin lil Katia bit-tifel u qalli "int hemm toqgħod bit-tfal" u jien irrispondejtu "m'hemm l-ebda sinjal biex ma noqgħodx hemm u missek għidtli li hemm il-perikolu.»*

34. Fl-Inkjesta Maġisterjali, Francis Montebello xehed li waqt li kien qiegħed jgħin lil Kirov, jorbtu l-lanċa, seta' josserva mara akkumpanjata minn żewġt itfal żgħar u għalkemm m'osservax l-inċident innifsu, beda

jisma' t-tifel jibki u li xi ħadd qallu li t-tifel intlaqat bil-*gangway*. Aktar importanti Montebello xehed hekk (ara paġna 82 tal-atti):

> «*Mistoqsi ngħid x'kienet il-pożizzjoni tal-gangway vis-à-vis* ***il-pożizzjoni fejn kien it-tifel ma nanntu, ngħid li kien bi dritt il-gangway.***
>
> *Mistoqsi ngħid għidtx xi ħaġa lill-omm jew lin-nanna tat-tifel, naf li* ***għidtilha xi ħaġa li dak ma kienx post it-tfal, jew xi ħaġa f'dak is-sens, u dan għidtulha wara l-inċident u għidtu lin-nanna.»*** (enfasi ta' din il-Qorti).

35. Il-baħri Nikola Borisov Kirov xehed (ara paġna 89 tal-atti):

> *«Yesterday we were mooring the San Carlos II astern,* ***and noticed a lady and a child sitting on the quay, and I shouted to them to move, and the lady moved but the child remained static.***
>
> *I was the one who moored the boat astern and front, while the gangway was raised approximately fifty (50) centimeters above the quay level.* ***The child was sitting on the wall dividing the pavement from the quay, while the adult was standing on the quay."*** (enfasi tal-Qorti)

36. Mill-verbal tal-aċċess miżmum mill-Inġinier Nicholas Baldacchino fit-28 ta' Novembru, 2012 (ara Dok. NB1 f'paġna 328 tal-atti) jirriżulta li, filwaqt li n-nanna xehdet:

> *«Kont bil-qiegħda u t-tifel kien ħdejja ukoll bilqiegħda f'dan il-post eżatt…. Il-post fejn kont bilqiegħda qiegħed jiġi muri fuq l-istess document pjanta NAB1 u indikat bl-ittra "A". Jien kont bilqiegħda lejn id-direzzjoni ta' Tigné u t-tifel ħdejja lejn id-direzzjoni tal-Gżira, it-tnejn inħarsu lejn il-baħar. Il-post fejn kien it-tifel bilqiegħda hu indikat bl-ittra "B" fl-istess dokument.»* (ara wkoll pjanta esebita bħala Dok. NAB1 f'paġna 330 tal-atti)

Mentri Francis Montebello waqt l-istess aċċess xehed li ma jaqbilx ma dak li ngħad mis-sinjura Mary Anne Best, peress li jsostni (kuntrarjament għal dak li Montebello xehed fl-inkjesta) li t-tifel kien waħdu bilqiegħda b'saqajh l-isfel. Nikola Borisov Kirov xehed waqt aċċess ieħor miżmum

mill-Inġinier Nicholas Baldacchino fit-23 ta' Ottubru, 2014 (ara Dok. NB3 f'paġna 431 tal-atti):

> «***There were many people on the quay in way of the mooring area, also with people sitting on the quay and their feet in the water. I was on the aft port side and I started to shout to the people on the quay to move out of the way****…****The boy was sitting on the upper part of the wall****… I started shouting to people to move when the aft of the gangway was about to touch the outer perimeter of quay (wall). When the accident happened, the aft moorings were not tied. Also the tourists were still on the boat.*»

37. Il-kaptan Francis Montebello xehed taħt subizzjoni waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar, 2015, fejn hemm ingħad minnu:

> «***Mistoqsi jekk kienx hemm nies fuq il-moll ngħid iva kien hemm ħafna****. Mistoqsi jekk jien qgħadtx attent biex ma jintlaqtux nies bil-passarella ngħid li s'intendi qgħadt attent…****Dak il-ħin tal-inċident jiena kont qed indaħħal id-dgħajsa bir-reverse fuq il-moll*** *u allura l-magna kienet fuq ir-reverse….****Mistoqsi fejn kienu n-nies fil-ħin tal-inċident ngħid li n-nies ġeneralment ikunu taħt il-bankina****. Il-bankina qiegħda fuq il-livell ta' fuq.* ***Fuq in-naħa t'isfel tal-moll li jkun hemm forsi xi sajjied qed jistad bil-qasba jew jistennew lili biex ngħabbihom. Min-naħa tal-moll li jmiss mal-baħar ikun hemm il-bollards biex jilqgħu d-dgħajjes. Mistoqsi jekk kienx hemm nies ħdejn il-bollards fil-ħin tal-inċident ngħid illi kien hemm in-nanna tat-tifel u l-mama' tiegħu kienet fuq il-bankina. Jiena rajtha ħdejn il-bollard lin-nanna tiegħu****.*»
> (enfasi ta' din il-Qorti)

38. Reġgħet xehdet taħt kontroeżami Mary Anne Best (ara paġna 598 tal-atti):

> «***Nikkonferma li qabel u sal-mument tal-inċident jien kont bilqiegħda ħdejn it-tifel u konna qed inħarsu lejn il-baħar. Jiena d-dgħajsa rajtha ġejja. Il-passarella jien rajtha wkoll. Niftakar li tant ma kenitx tmiss mal-art li l-passiġġieri huma u neżlin bdew jaqbżuha….***
>
> ***Nikkonferma li smajt membru tal-ekwipaġġ jgħajjat "Żul minn hemm". Dan però kien wara li seħħ l-inċident u ntenni li jien lit-tifel ma rajtux jintlaqat****. Jien kont ħdejh…qed niġi mistoqsija kif jista' jkun li ma rajtx l-inċident meta fl-affidavit tajt daqshekk dettalji dwar il-moviment*

*tad-dgħajsa. Ngħid li jien ma kontx qed inħares lejn il-passarella, iżda lejn id-dgħajsa.* ***Billi d-dgħajsa kienet għall-ġenb (to the side) jien dehrli li ma konniex fil-periklu – kien "a safe place". Qed jiġi suġġerit lili li jien ma rajtx l-inċident għax mhux minnu li kont ħdejn it-tifel u t-tifel kien waħdu. Dan niċħdu. Jien kont ħdejh. Tifel ta' sentejn ma tħallihx jiġri waħdu.***

*…*

*Fil-mument tal-inċident, jien kont waħdi bilqiegħda fuq ċint imma kien hemm xi nies għaddejjin.* ***Jien ma rajt l-ebda sinjal li jipprojbixxi li wieħed joqgħod hemm. Ma smajt lil ħadd jgħajjat qabel l-inċident.*** *Qabel l-inċident naf żgur li ħabel wieħed tad-dgħajsa kien marbut. L-ieħor ma nafx għax żewġ ħbula kien hemm. It-turisti niżlu minn fuq id-dgħajsa qabel l-inċident.»* (enfasi ta' din il-Qorti)

39. Xehdet mill-ġdid taħt kontroeżami Mary Anne Best waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu, 2016:

*« Fil-ħin tal-inċident kont bilqiegħda fuq il-koxxa taċ-ċint. Qed niġi murija l-pjanta li tifforma parti mill-inkjesta Maġisterjali u partikolarment id-disinn fuq ix-xellug fejn jidher it-tifel. Ngħid li kief kien bilqiegħda t-tifel, kont bilqiegħda jien ħlief li saqajja jwasslu sal-art tal-moll. Meta wasalna hemm poġġejna f'din il-pożizzjoni mal-ewwel u ma ċċaqlaqnix minn hemm.»*

40. Filwaqt li Francis Montebello taħt kontroeżami waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2016, xehed hekk:

*«**Meta seħħ l-inċident it-tifel kien fuq iċ-ċinta maqtugħ minn mal-moll madwar nofs metru**. Fejn kien bilqiegħda kien hemm xi metru. In-nanna u t-tifla kienu eżatt fix-xifer iħarsu lejn id-direzzjoni tal-baħar. Kienu bejn wieħed u ieħor erba' metri, erba' metri u nofs 'il bogħod mit-tifel.* ***It-tifel kien waħdu fuq iċ-ċint tal-moll. Ma setax jiċċaqlaq għax kien imdendel u mhux bil-wieqfa. Kif rajt jien il-baħri għajjat "move move", iċċaqalqet in-nanna u t-tifla iżda mhux it-tifel****. It-tifel hemm baqa'.*

*Qed niġi mitlub neżebixxi notamenti tiegħi fuq dokumenti li juru l-pożizzjonijiet tat-tifel u l-familjari tiegħu dak il-ħin tal-inċident. Id-dokument qed jiġi eżebit seduta stante bħala Dok. X1 u X2.»* (ara ritratt u pjanta fol.1118 u fol.1119 tal-proċess)

41. Din il-Qorti ġabret ix-xhieda ta' dawk li kienu preżenti sabiex tkun tista' tistħarreġ aħjar l-aggravju tal-atturi appellanti u tasal għall-konklużjonijiet tagħha dwar dak li seħħ dakinhar tal-inċident b'rabta mal-kwistjoni ta' kontributorjetà. Tassew, fil-fehma ta' din il-Qorti, jista' jingħad li filwaqt li Mary Anne Best kienet pjuttost konsistenti fix-xhieda tagħha tul il-proċeduri, dwar id-dinamika ta' dak li ġara, fis-sens li kienet bilqiegħda ħdejn it-tifel iħarsu lejn il-baħar, iżda ma ndunatx li l-passarella kienet laqtet it-tifel u li ma ratx kif seħħ l-inċident, mhux l-istess jista' jingħad fil-każ tal-Kaptan Francis Montebello.

42. Hekk per eżempju, filwaqt li Montebello l-għada tal-inċident xehed li huwa m'osserva xejn ħlief li t-tifel kien ma' nanntu u kien bilqiegħda bi dritt il-*gangway* u kien xi ħadd li qallu li weġġa' tifel; fis-subizzjoni u taħt kontroeżami xehed li n-nanna ma kinitx bilqiegħda ħdejn it-tifel, imbagħad li ressqet ħdejn il-*bollard,* iżda saħansitra fl-aħħar li n-nanna resqet fil-ġenb mat-tifla madwar erba' metri 'l bogħod mit-tifel! Hekk ukoll, filwaqt li tasal li temmen li l-baħri kien sejjaħ lin-nies sabiex jiċċaqalqu minn fejn kienu, aktar u aktar meta xehed li kien hemm xi wħud bilqiegħda fuq il-moll b'saqajhom fil-baħar, din il-Qorti ssib il-verżjoni li n-nanna ħalliet tifel ta' ftit aktar minn sentejn bilqiegħda waħdu fuq iċ-ċint, li ċċaqalqet hi u ħalliet it-tifel hemm tabilħaqq inverosimili, ikkunsidrata n-nuqqas ta' konsistenza fix-xhieda tal-konvenuti.

43. Il-periti maħtura mill-Ewwel Qorti, fir-relazzjoni tagħhom josservaw dwar il-materja ta' responsabbiltà kontributorja tal-atturi jew ta' Mary Anne Best, li l-liġi trid li l-ġenituri għandhom ir-responsabbiltà li jieħdu ħsieb il-minuri bid-diliġenza ta' ġenitur tajjeb tal-familja u li fil-mument tal-inċident it-tifel kien fil-preżenza tan-nanna. Din ir-responsabbiltà testendi sabiex jiġi assigurat li tifel ikun imħares u protett (ara paġna 31 tar-rapport f'paġna 711 tal-proċess). Sa hawn kollox sew, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'dawn il-prinċipji u tagħmilhom tagħha wkoll.

44. Il-periti mbagħad jgħaddu sabiex josservaw li ma jistax jiġi mwarrab li fl-atti tal-inkjesta, l-maġistrat inkwirenti wkoll ġibed l-attenzjoni għal dan il-fatt u li dan għandu jservi ta' tnaqqis fir-responsabbiltà tal-konvenuti. Huwa minnu li l-Maġistrat Inkwirenti għamel is-segwenti osservazzjoni fil-proċess verbal (ara paġna 50 tal-proċess), rigward l-imsemmija Mary Anne Best:

> *«Għalhekk il-Maġistrat jikkonkludi illi għalkemm jiċċensura li Mary Ann Best, li ma ċaqalqitx it-tifel meta kienet avżata minn Nikola Kirov, illi l-lanċa kienet se tavviċina l-moll, ma jidhirx illi b'daqsekk laħqu xi element ta' negliġenza jew traskuraġni sabiex tirrispondi għal xi proċeduri kriminali fil-Qorti.»*

Din il-Qorti tqis siewja l-osservazzjonijiet tal-periti maħtura mill-Ewwel Qorti, fis-sens li għalkemm Qorti Ċivili tagħti qies ta' dak li jirriżulta minn proċeduri oħra tal-Qorti, bħal f'dan il-każ, l-atti tal-inkjesta, il-proċeduri

ċivili jibqgħu separati u distinti u din il-Qorti mhix marbuta b'dawk il-konklużjonijiet.

45. Iżda din il-Qorti mhix konvinta li Mary Anne Best warrbet min-nofs u ħalliet it-tifel waħdu fuq iċ-ċint, kif allegat mill-konvenuti. Il-maġistrat inkwirenti wkoll ma sabx elementi ta' negliġenza jew traskuraġni li kienu jimmeritaw li Best twieġeb għal xi proċeduri kriminali. Għalkemm il-grad tal-prova fil-proċeduri ċivili mhix iebsa daqs dik meħtieġa fil-qasam kriminali, din il-Qorti, lanqas ma ssib li ġiet ippruvata l-kontributorjetà min-naħa ta' Best sabiex tirnexxi d-difiża tal-konvenuti.

46. Dan jingħad peress li ma tqisx li jkun xieraq li min kien qiegħed iħares fuq it-tifel f'post pubbliku, aċċessibbli għal kulħadd f'mument ta' mistrieħ fuq ċint, li kuntrarjament għal bnadi oħra fejn hemm il-ħadid, huwa disinjat sabiex proprju joqogħdu bilqiegħda n-nies fuqu jħarsu lejn il-baħar (ara ritratt f'paġna 1118 tal-proċess) jitqiesu li għandhom iġorru parti mir-responsabbiltà għan-nuqqasijiet kbar ta' ħaddieħor, skont kif jirriżulta mill-istess rapport tal-periti maħtura mill-Ewwel Qorti. Filwaqt li mill-eskussjoni tal-periti (ara paġna 1143 tal-proċess) jirriżulta li huma wkoll waslu għall-konklużjoni li n-nanna kienet biswit it-tifel, (u mhux kif ingħad mill-Ewwel Qorti li ma kienx viċin tagħha f'dak il-ħin) iżda huma qiesu l-fatt li hija ma ndunatx li seħħ l-inċident bħala r-raġuni għala ħassew li għandu jkun hemm mitigazzjoni fuq ir-responsabbiltà tal-

konvenuti. L-istess periti jikkonfermaw li l-inċident seħħ f'ħakka t'għajn, iżda l-fatt li l-inċident seħħ fejn jorbtu l-bastimenti u Best lanqas indunat b'dak li ġara, kellu jservi ta' mitigazzjoni. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġunament.

47. Huwa aċċettat fil-ġurisprudenza li l-fatt li wieħed seta' kien f'pożizzjoni, li jirreaġixxi fil-waqt jew li kieku aġixxa mod ieħor, fl-agunija tal-mument tal-inċident, sabiex jevita d-dannu, dan mhux neċessarjament jirrendih responsabbli jew koresponsabbli għall-inċident fih innifsu. Dik il-possibbilità ma kinitx min-natura tagħha element li tiddetermina r-responsabbiltà għall-inċident, li f'dak il-mument, ikun diġà qiegħed iseħħ, kawżat minn negliġenza u traskuraġini tal-aġir ta' persuna oħra li kienet responsabbli għall-inċident (ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti tad-29 ta' Jannar, 2016, fil-kawża fl-ismijiet ***Michele Lanteri v. Alan Spiteri***, u dik tal-15 ta' Jannar, 2002, fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef St. John et v. Richard Spiteri et***). Din il-Qorti ma taqbilx ukoll li l-fatt li Best ma ntebħitx bil-perikolu fil-waqt, kellu jservi ta' mitigazzjoni fir-responsabbiltà tal-konvenuti għall-inċident, għar-raġuni li lanqas biss jista' jingħad li l-inċident kien wieħed prevedibbli għaliha.

48. Għalkemm, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjetà fejn il-vittma tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu li tkorri jew li ġġarrab ħsara (ara b'eżempju, s-sentenza ta' din il-Qorti tal-5

t'Ottubru, 2001 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et v. John Pisani et noe***), bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li *volenti non fit iniuria*. Illi kif ingħad f'ċirkostanzi oħrajn bħal dawn:

> «***Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not.*** *Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others.* ***Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself***» (***Froom v. Butcher*** CA QB 286 (1976) per Denning LJ)

49. Għalhekk din il-Qorti lanqas taqbel mal-Ewwel Qorti meta ngħad minnha li l-fatt li Best rat id-dgħajsa dieħla, u l-passarella tiċċaqlaq u n-nies neżlin, kellu jkun ċar għaliha li seta' kien hemm xi periklu għat-tifel għaliex dawn l-affarijiet, fihom infushom, mhumiex sinjal ta' perikolu. Meta wieħed japplika t-tagħlim hawn qabel imfisser, għall-każ taħt eżami, il-fatt li l-moll, fi kliem l-istess Kaptan u l-baħri, ikun mimli bin-nies li jew ikollhom saqajhom fl-ilma, jew ikunu qegħdin jistadu, jew jistennew sabiex jirkbu fuq il-lanċa, jagħti lil wieħed x'jifhem li huwa post sigur u li mhuwiex post ta' periklu. Aktar u aktar fejn fil-każ tagħna, it-tifel ma kienx fuq il-moll innifsu, iżda fuq iċ-ċint li jħares għal fuq il-moll. Dan kollu jixħet responsabbiltà kbira fuq min ikun qiegħed ibaħħar il-lanċa, kif ukoll fuq l-operat tal-irmiġġ tagħha, li jwettaq dan bi grad għoli ta' diliġenza sabiex iħares lill-persuni li jkunu qegħdin jagħmlu użu mill-moll u l-madwar.

50. Hekk ukoll, l-aċċess għall-istess moll ma jidhirx li kien b'xi mod ristrett fil-mument meta seħħ l-inċident, kif lanqas ma tressqet xi prova li kien hemm xi twissija sabiex in-nies ma joqogħdux bilqiegħda fuq iċ-ċint waqt li jkun hemm operazzjoni ta' rmiġġ. Jekk għall-Kaptan, it-tifel u l-persuna li kienet miegħu bilqiegħda fuq iċ-ċint kienu f'post perikoluż, messu waqqaf il-proċedura tal-irmiġġ sakemm dawn iwarrbu, imma l-fatt li l-istess Kaptan ifisser li huwa normali li fuq il-moll ikun hemm ħafna nies, saħansitra dawk jistennew sabiex jirkbu fuq il-lanċa, huwa indikattiv li dakinhar xi ħaġa marret ħażin bla ma kien mistenni; lanqas minnu!

51. B'żieda ma' dan, il-fatt li kien hemm distanza ta' madwar żewġ metri u nofs (ara ritratt tal-espert tekniku – Dok. NAB 2 f'paġna 455 tal-atti) bejn iċ-ċint fejn kien hemm it-tifel u t-tarf tal-moll, kif ukoll il-fatt li t-tifel kellu saqajh maqtugħa minn fuq il-wiċċ tal-moll (ara pjanta Dok. NAB 1 f'paġna 330 tal-atti), huma kollha fatturi li setgħu għamluha diffiċli għal persuna sabiex tkun tista' tobsor li l-passarella tal-lanċa setgħet tolqot riġlejn it-tifel. Dan kollu jservi sabiex f'għajnejn din il-Qorti ma jistax jingħad li l-inċident seta' kien wieħed prevedibbli għal Best, jew kif ingħad mill-Ewwel Qorti, li kellha tassigura ruħha li fiċ-ċirkostanzi t-tifel ikun 'il bogħod minn kull periklu, ladarba indikazzjoni ta' periklu ma kienx hemm. Hekk ukoll, il-fatt li x'aktarx huwa minnu li l-baħri Kirov, kien qiegħed jgħajjat lin-nies "*move*" u serva sabiex in-nies jillargaw minn fuq il-moll ma kellux iwassal lil Best li tagħraf li kien hemm xi periklu mill-post fejn kienu

bilqiegħda fuq iċ-ċint hi u t-tifel. Diffiċilment setgħet tobsor li l-passarella li normalment tkun qiegħda sserraħ fuq it-tarf tal-moll kienet ser tidħol 'il ġewwa għal aktar minn żewġ metri u tolqot sieq it-tifel li kien maqtugħ mill-art!

52. Relevanti wkoll f'materja ta' kontributorjetà, hija s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fis-27 ta' Jannar, 2022, fl-ismijiet ***Martin Costa v. Jonathan Bugeja***, fejn hemm ingħad ukoll: *«...huwa mgħallem u aċċettat b'awtorità li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, il-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju; (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja; u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilità tar-riskju li dieħla għalih. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu l-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għemil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalità mill-għemil tal-parti l-oħra.»*

53. Din il-Qorti tirreferi wkoll għall-massima li *sciens non est volens*, fis-sens li meta tkun taf xi ħaġa, f'dan il-każ li kien jitwettaq l-irmiġġ tal-laneċ fuq il-moll taħt iċ-ċint fejn kienu Best u n-neputi, ma jfissirx u lanqas tista' twassal li jingħad li wieħed ikun aċċetta dak kollu, jew li hemm volontarjetà f'dak kollu li jista' jiġri. Lanqas jista' jingħad li fil-każ taħt eżami, li Best li kienet fdata bit-tifel setgħet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-

potenzjal tar-riskju li kienet dieħla jew li kienet qiegħda tesponi lit-tifel għalih. Tassew, kien il-kaptan li kellu l-obbligu li jassigura ruħu li jara li l-operazzjoni li jreġġa lura l-lanċa u l-irmiġġ tagħha jseħħ mingħajr ma joħloq periklu lil ħaddieħor.

54. Ir-raġuni jew il-kawża prossima għall-inċident, kienu li l-Kaptan waqt li kien qiegħed ireġġa' lura l-lanċa, sabiex titrakka mal-moll naqas milli jwettaq il-manuvra tal-irmiġġ, kif jitlob l-għaqal u n-nuqqas li titniżżel il-passarella mal-wiċċ tal-moll, sforz ukoll in-nuqqas fl-istat ta' manutenzjoni tajba tal-istess passarella (roti mkissra) li jaqgħu fir-responsabbiltà kemm tal-Kaptan, kif ukoll tal-kumpanija konvenuta li topera l-istess lanċa, kif jirriżulta mil-litanija ta' nuqqasijiet mniżżla taħt it-titlu 4.2 tar-rapport tal-periti tal-Qorti.

55. Jiġi b'hekk li din il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju tal-atturi appellanti jistħoqqlu li jintlaqa' u għalhekk huwa meħtieġ li dan jiġi rifless fis-sentenza.

56. Imiss li jiġi mistħarreġ **<u>it-tieni aggravju</u>**, dak fejn jingħad mill-atturi appellanti li l-konvenut Kirov ukoll kellu jiġi miżmum responsabbli għall-inċident. Isostnu li ladarba l-irbit tal-lanċa twettaq mill-baħri u l-perit legali u l-Ewwel Qorti osservaw li l-irbit ma sarx sew, tant li l-lanċa baqgħet

dieħla bil-passarella sabiex waslet li tmiss maċ-ċint tal-faċċata, il-baħri wkoll kellu jiġi misjub solidalment responsabbli għad-dannu.

57. F’dan il-każ, din il-Qorti ma tqisx li l-atturi appellanti għandhom raġun f’dan l-ilment tagħhom. Għalkemm il-konvenut Kirov kellu rwol fl-irmiġġ tal-lanċa, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li addottat il-fehma tal-periti inkarigati minnha f’dan ir-rigward, meta jingħad minnhom li huwa minnu li Kirov, bħala membru mill-ekwipaġġ, kellu obbligu illi jassigura sa fejn jista’, illi l-operazzjoni ta’ rmiġġ tkun waħda sigura. Madankollu, mill-provi mressqa, l-periti ma sabux li kien hemm nuqqasijiet li setgħu jagħtu lok għar-responsabbiltà min-naħa ta’ Kirov, f’din il-kawża. Wara kollox, irriżulta li l-intervent ta’ Kirov fl-operazzjoni tal-irmiġġ kien wieħed limitat, u li meta nduna bil-possibbiltà tal-periklu pprova jwissi kemm lill-kaptan, kif ukoll lin-nies li kien hemm fil-madwar tal-moll.

58. Kif ingħad qabel, il-kawża prossima tal-inċident fil-fehma ta’ din il-Qorti, kienu li l-Kaptan waqt li kien qiegħed ireġġa’ lura l-lanċa, sabiex titrakka mal-moll naqas milli jwettaq il-manuvra tal-irmiġġ, kif jitolbu l-għaqal u s-sengħa, kif ukoll in-nuqqas li titniżżel il-passarella mal-wiċċ tal-moll, sforz ukoll in-nuqqas fl-istat ta’ manutenzjoni tajba tal-istess passarella (roti mkissra) li jaqgħu fir-responsabbilità kemm tal-Kaptan, kif ukoll tal-kumpanija konvenuta Alliance Cruises Limited, li kienet topera l-istess lanċa.

59. Għalkemm il-periti tal-Qorti, fir-relazzjoni tagħhom irrilevaw li l-irbit ma sarx bl-aħjar mod, fis-sens li jingħad minnhom li l-ħabel tal-irbit tal-irmiġġ kien laxk wisq, u din il-Qorti tifhem l-argument tal-appellanti li dan il-fatt seta' wkoll kellu effett fuq id-dinamika tal-inċident, madankollu kif ingħad mill-istess periti, il-liġi tipprovdi li huwa d-dover tas-sid jew tal-Kaptan li jassigura li t-tħaddim tal-bastiment ma jkunx ta' periklu għall-ħajja tan-nies jew tal-proprjetà tal-oħrajn, fost affarijiet oħra (ara paragrafi 4.2.11 sa 4.2.14 tar-rapport tal-periti tal-Qorti). Dan ifisser li, l-operazzjoni tal-irmiġġ, fl-aħħar mill-aħħar, taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kaptan u tas-sid (jew f'dan il-każ tal-kumpanija li kienet qiegħda topera l-lanċa) f'dak li għandu x'jaqsam mal-istat tal-manutenzjoni tal-lanċa. Għalhekk, mill-provi fl-atti ma jirriżultax in-ness meħtieġ sabiex jista' jingħad li kien hemm xi nuqqas min-naħa tal-konvenut Kirov li seta' wassal għall-inċident taħt eżami.

60. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti ma tqisx xieraq li tilqa' dan l-aggravju.

61. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tqis **<u>it-tielet aggravju</u>** tal-atturi appellanti, dak dwar il-*multiplier* adottat mill-Ewwel Qorti. Jgħidu li l-*multiplier* ta' 37 sena adottat minnha kien wisq baxx meta wieħed jikkunsidra li l-vittma tal-inċident kellha biss sentejn u erba' xhur meta

seħħ l-inċident. Għalkemm l-atturi jikkonċedu li huwa minnu li l-ġurisprudenza tikkunsidra bħala *multiplier* numru inqas minn dak taż-żmien li jkun fadal sal-età tal-irtirar, iżda f'dan il-każ, iqisu d-distakk bħala wieħed wisq kbir. Dan meta wieħed iqis ukoll li l-kwalità tas-saħħa medja tan-nies tjiebet u ħafna drabi persuna ta' 65 tkun għadha kapaċi għax-xogħol u mhix xi ħaġa ta' barra minn hawn li persuna tibqa' taħdem ukoll wara li tilħaq dik l-età.

62. Jidher li l-Ewwel Qorti straħet fil-parti l-kbira fuq il-konklużjonijiet tal-periti tagħha meta adottat il-kalkoli tagħhom tad-danni, salv li għamlet referenza wkoll għat-tagħlim ġurisprudenzjali dwar il-materja. Il-periti tal-Qorti, fir-rapport tagħhom jagħmlu referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Diċembru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet ***Kravchenko v. Micallef et*** fejn il-vittma kellha sbatax-il sena fid-data tal-inċident, sabiex adottat il-*multiplier* ta' 37 sena.

63. Din il-Qorti rat li fil-mori ta' dan l-appell, id-deċiżjoni ta' ***Kravchenko v. Micallef et*** kienet ġiet riformata permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti fis-26 ta' Frar, 2024, b'dan illi wieħed mill-aggravji f'dak l-appell kien li l-*multiplier* ta' 37 kien wieħed eżaġerat, ilment li kien twarrab minn din il-Qorti.

64. F’kull każ, din il-Qorti tagħraf li hemm sentenzi oħra ta’ din il-Qorti fejn f’każijiet fejn minuri kienu involuti f’inċidenti, li wasslu għal diżabbiltà permanenti, ġie adottat *multiplier* ta’ 40. Hekk per eżempju, fis-sentenza ta’ din il-Qorti tal-20 ta’ Ottubru, 2008, fil-kawża fl-ismijiet ***George Borg et v. Anthony Borg et*****,** fejn f’inċident weġġgħet tifla ta’ ħames snin, ġie adottat *multiplier* ta’ 40, wara li kkunsidrat li llum-il ġurnata, il-ħajja lavorattiva tista’ tibda mill-età ta’ sittax-il sena u dak iż-żmien in-nisa kienu jirtiraw ta’ sittin sena. Ikkunsidrat li llum-il ġurnata l-età tal-irtirar żdiedet għal ħamsa u sittin sena, u għalhekk il-ħajja lavorattiva żdiedet għal medda ta’ disa’ u erbgħin sena, din il-Qorti tqis li *multiplier* ta’ 40 sena huwa wieħed ġust li jieħu qies ta’ dawk iċ-*chances and changes of life* li l-Ewwel Qorti għamlet referenza estensiva għalihom.

65. Hekk ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet ***Fleur Debono v. Shanylee Reed et*** tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta’ Ottubru, 2018, fejn ingħad li għal persuna li tkun għadha m’għalqitx sittax-il sena, ġie kkunsidrat li l-*multiplier* għandu jkun ta’ 40. Għalkemm din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-15 ta’ Novembru, 2023, fl-imsemmija kawża, rriformat is-sentenza appellata, il-*multiplier* baqa’ dak ta’ 40 (ara wkoll b’eżempju s-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta’ Marzu, 2014, fil-kawża fl-ismijiet ***Marthese Vella pro et noe v. Carl Mario sive Karl Micallef et*** li kienet titratta każ ta’ omm u tarbija li ttajru minn fuq bankina, fejn hemm ukoll ġie adottat *multiplier* ta’ 40 b’rabta mat-tarbija). Minn dan kollu jinżel, li din

il-Qorti ser tilqa' dan l-aggravju tal-appellanti, sabiex tirrevedi l-ammont ta' danni *lucrum cessans.*

66. Magħmula din il-konsiderazzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, kien ikun aktar xieraq li d-danni *lucrum cessans* (ma kien hemm l-ebda appell dwar il-persentaġġ tad-diżabbiltà u l-ammont stabbilit ta' €17,000 bħala kalkolu ta' paga) jinħadmu kif ġej:

€ 17,000 x 40 (sena) x 15% (diżabbiltà) = € 102,000

li meta jingħaddu flimkien mad-*damnum emergens* fl-ammont ta' €2,077.29, iwasslu għal total ta' €104,077.29. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti taħt l-ewwel aggravju, ma hemmx lok ta' tnaqqis minn dan l-ammont għaliex din il-Qorti ma sabitx li kien hemm ħtija kontributorja tan-nanna f'dak li ġara lil Alec Fenech.

67. Għalhekk jeħtieġ li s-sentenza appellata tiġi riformata f'dan is-sens.

68. Ngħaddu issa għall-**aħħar aggravju** tal-appell inċidentali mressaq mill-atturi, jiġifieri dak fejn ifissru li, fil-fehma tagħhom, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili**, imressqa mil-kumpanija assiguratriċi li kienet imsejħa fil-kawża, jiġifieri Northernreef Insurance Co. SA. L-atturi appellanti jsostnu li din id-

deċiżjoni hija waħda żbaljata għal numru ta' raġunijiet kif elenkati minnhom fl-appell inċidentali.

69. Jibda billi jingħad li, l-atturi appellanti jqanqlu numru ta' punti l-għala fil-fehma tagħhom l-azzjoni fil-konfront tal-kumpanija assiguratriċi ma kinitx preskritta. Fl-ewwel punt, l-appellanti jagħmlu referenza għas-sentenza msemmija mill-periti inkarigati mill-Qorti, jiġifieri dik ta' din il-Qorti tas-27 ta' April, 1953, fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Micallef noe v. Carmelo Cassar*,** kif ukoll dik ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2020, fl-ismijiet ***Inna Said v. Massimo Bonello et*.** Minkejja li din il-Qorti rat dawn iż-żewġ sentenzi (li t-tnejn kienu jitrattaw danni konsegwenti għal inċidenti tat-traffiku) ma tarax kif dawn jistgħu iservu l-appell tal-atturi fuq dan il-punt. Jibqa' l-fatt li, hemm differenza bejn dawk il-każijiet fejn il-ġrieħi mġarrba mid-danneġġat kienu konsegwenza ta' inċident tat-traffiku, fejn il-liġi applikabbli stess toħloq relazzjoni ġuridika bejn il-vittma u l-kumpanija assiguratriċi, kif ukoll id-dritt tal-vittma li ddur mill-ewwel kontra l-assigurazzjoni; u dan il-każ li ma jitrattax danni konsegwenti għal inċident tat-traffiku.

70. Huwa minnu li fis-sentenza ta' ***Said v. Bonello***, f'kuntest ta' inċident tat-traffiku, ingħad li min iġarrab il-ħsara jista' jħarrek sew lill-assiguratur u sew lil min jaħti għall-ħsara, li jfisser effettivament illi l-assiguratur u min jaħti għall-ħsara jwieġbu flimkien *in solidum* għall-

ħsara, naturalment bla ħsara għall-kwistjoni jekk hemmx responsabbiltà. Konsegwenza ta' dan huwa illi, kif jgħid u jrid l-**Artikolu 1100 tal-Kodiċi Ċivili,** «*kull att … li jikser il-preskrizzjoni għal wieħed minn dawk id-debituri [sc. in solidum], jikser il-preskrizzjoni wkoll għad-debituri l-oħra*». Iżda f'dan il-każ l-atturi ma jistgħux jinvokaw il-provvedimenti tal-**Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi Bil-Mutur Għar-Riskji ta' Terzi Persuni**, li ma japplikawx għall-każ tal-lum ġaladarba ċ-ċirkostanzi li fihom weġġa' t-tifel mhumiex marbuta ma' inċident tat-traffiku. Jiġi b'hekk li lanqas isegwi l-argument tal-appellanti li bil-fatt li l-atturi sejħu fil-kawża lill-kumpanija assiguratriċi, jista' jitqies li saret in-notifika fis-sens li trid il-liġi, peress li l-**Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur għar-riskju ta' terzi persuni** f'dan il-każ ma tapplikax minħabba li ma kien hemmx involuti vetturi bil-mutur maħsuba biex jivvjaġġaw fuq l-art.

71. Illi m'hemmx dubju li ma kien hemm l-ebda aġir negliġenti jew traskurat eżerċitat mill-imsejħa fil-kawża, li joħolqu ness mad-dannu mġarrab mill-atturi. Għalhekk, tqis li l-azzjoni ta' danni tal-atturi fil-konfront tal-kumpanija assiguratriċi, ma tistax titqies bħala waħda mnissla minn reat. Minflok l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn skont l-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili** (meta jitqies li l-inċident seħħ fl-4 ta' Marzu, 2008, u l-kumpanija assiguratriċi ssejħet fil-kawża b'digriet tat-18 ta' Jannar, 2012).

72. Lanqas jista' jingħad li l-kumpanija assiguratriċi bdiet titratta l-każ mal-atturi, u għalhekk lanqas jista' jiġi argumentat li nħolqot xi relazzjoni ġuridika jew kuntrattwali bejn l-atturi u l-kumpanija assiguratriċi. Dan ifisser li fil-każ tal-assigurazzjoni, ma tistax tiġi applikata l-preskrizzjoni ta' ħames snin. Il-fatt li jeżisti kuntratt ta' assigurazzjoni bejn waħda mill-konvenuti u l-kumpanija assiguratriċi ma jfissirx li dan il-kuntratt jestendi awtomatikament għall-atturi. Ir-relazzjoni kuntrattwali bejn waħda mill-konvenuti u l-kumpanija assiguratriċi, tista' tagħti lok għad-dritt ta' rivalsa li dik il-konvenuta għandha fil-konfront tal-kumpanija assiguratriċi. Dan wara kollox, ġie ċċarat permezz tad-digriet tal-Ewwel Qorti tat-3 ta' Lulju, 2020, meta ngħad li d-drittijiet ta' Alliance Cruises Limited fil-konfront tal-assigurazzjoni tagħha baqgħu impreġudikati.

73. L-atturi appellanti jsostnu wkoll li, f'kull każ il-preskrizzjoni tinsab sospiża skont l-**Artikolu 2125(d) tal-Kodiċi Ċivili**, fejn f'azzjoni għad-danni, matul dak iż-żmien qabel ma ssir il-kawża li fih ikunu qegħdin isiru negozjati bejn il-partijiet kollha jew uħud minnhom jew l-assiguraturi tagħhom li jkollhom interess fl-azzjoni kontra xulxin. Dan il-punt huwa wieħed li ma jidhirx li tqanqal u wisq inqas ġie ppruvat quddiem l-Ewwel Qorti u ma jirriżultax li saru xi negozjati bejn il-partijiet jew li l-assigurazzjoni kienet involuta anqas.

74. Hekk ukoll, sa fejn l-atturi appellanti jsostnu li huma kienu interpellaw lil Galea Insurance Brokers Limited, l-intermedjarja tas-soċjetà msejħa fil-kawża, fl-10 ta' Ġunju, 2010, għal darb'oħra din l-interpellazzjoni, f'kull każ, saret wara li laħaq għadda t-terminu preskrittiv ta' sentejn minn meta seħħ l-inċident.

75. Fir-rigward tal-ilment tal-atturi appellanti fejn jargumentaw li kienu l-istess konvenuti Alliance Cruises Limited u l-kuratur għal-lanċa "San Carlos II", li qajmu l-eċċezzjoni li l-kumpanija assiguratriċi kellha tissejjaħ fil-kawża, u li m'għandux ikun hemm lok li huma jiġu kkastigati billi din il-kumpanija titħalla taħrab mir-responsabbiltà, jiġi osservat li, għalkemm meta ngħatat l-eċċezzjoni minn dawn il-konvenuti, l-azzjoni attriċi fil-konfront tal-kumpanija assiguratriċi kienet diġà preskritta, jiġi mtenni li jibqa' impreġudikat id-dritt ta' rivalsa li l-konvenuta Alliance Cruises Limited jista' jkollha fil-konfront tal-kumpanija assiguratriċi.

76. Tajjeb li jiġi nnutat ukoll li, l-konvenuti Dr. James Pace bħala kuratur deputat tal-lanċa "San Carlos II" u Alliance Cruises Limited fir-risposta tal-appell tagħhom ifissru li fil-każ ta' dan l-aggravju biss, jaqblu ma' dak li jingħad mill-appellanti fis-sens li l-azzjoni attriċi mhix preskritta fil-konfront tal-kumpanija msejħa fil-kawża. Iżidu jgħidu li l-preskrizzjoni applikabbli bejn l-assigurat u l-assigurazzjoni hija dik ta' ħames snin, iżda ladarba ikun hemm *claim* miftuħa mal-assigurazzjoni u hemm azzjoni pendenti

kontra l-assigurat, l-assigurazzjoni tibqa' tirrispondi sakemm il-vertenza tiġi determinata ġudizzjarjament. Barra minn hekk, jingħad li peress li l-azzjoni attriċi mhix preskritta kontra l-assigurat, dan ifisser li lanqas ma hi preskritta l-azzjoni ta' rivalsa tal-assigurat kontra l-assigurazzjoni. Fin-nuqqas ta' appell min-naħa tal-assigurat, jingħad minnhom li, t-terminu telaq minn dakinnhar li ngħatat is-sentenza appellata tal-Prim'Istanza, jiġifieri fis-16 ta' Ġunju, 2020 u għalhekk isostnu li b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' *debitor debitoris mei,* l-azzjoni attriċi fil-konfront tal-assigurazzjoni tibqa' valida u għalhekk jaqblu li jintlaqa' dan l-aggravju tal-atturi.

77. Għandu jingħad li, sa fejn issir referenza mill-konvenuti appellati għall-azzjoni *debitor debitoris mei* (li tissejjes fuq l-**Artikolu 1143 tal-Kodiċi Ċivili**) jiġi osservat li l-premessi u talbiet tal-atturi ma fihom ebda ħjiel li l-kawża tagħhom hija mibnija fuq dan il-provvediment tal-liġi. Għalhekk dan il-prinċipju legali ma jistax jitħaddem f'din il-kawża, salv id-dritt ta' rivalsa li l-assigurata Alliance Cruises Limited jista' jkollha fil-konfront tal-kumpanija assiguratriċi.

78. Jiġi b'hekk li dan l-aħħar aggravju se jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti tilqa’ f’parti minnu l-appell tal-atturi appellanti inċidentalment u tvarja s-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta’ Ġunju, 2020, billi:

(i) Tastjeni milli tqis aktar l-azzjoni attriċi sa fejn din ittieħdet kontra l-konvenut Francis Montebello, fid-dawl tal-fatt li fl-istadju tal-appell l-atturi ċedew l-atti tal-kawża fil-konfront tiegħu;

(ii) Tiddikjara lill-konvenuti Alliance Cruises Limited u Dr James Pace bħala Kuratur Deputat tal-lanċa “San Carlos II” bin-numru ta’ reġistrazzjoni 8128, responsabbli *in soldum* bejniethom għall-inċident li seħħ nhar l-14 ta’ Marzu, 2008, fix-Xatt tal-Ferries, f’Tas-Sliema li fih Alec Fenech, ġarrab ġrieħi ta’ natura permanenti;

(iii) Tvarja d-danni likwidati, sabiex minflok tillikwida d-danni fis-somma ta’ mija u erbat elef, u sebgħa u sebgħin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€104,077.29) u tikkundanna lill-konvenuti Alliance Cruises Limited u Dr James Pace bħala Kuratur Deputat tal-lanċa “San Carlos II” sabiex *in solidum* bejniethom iħallsu lill-atturi din is-somma, hekk kif likwidata minn din il-Qorti u dan billi ma nstabx li kien hemm negliġenza kontributorja min-naħa tan-nanna tal-minuri;

(iv) Bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, sad-data tal-ħlas effettiv.

(v) Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, jitħallsu mill-konvenuti appellati Alliance Cruises Limited u Dr James Pace bħala Kuratur Deputat tal-lanċa "San Carlos II" *in solidum* bejniethom, salv għall-ispejjeż ta' Nikola Borisov Kirov u tal-kumpanija msejħa fil-kawża Northernreef Insurance Co SA, li għandhom jitħallsu mill-atturi.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
da